KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fil-5 ta' Settembru 2018 [1]

Kawża C-258/17

E.B.
vs
Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter BVA

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija))

"Referenza għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Ugwaljanza fit-trattament — Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali — Relazzjonijiet omosesswali ma' minuri — Sanzjonijiet dixxiplinari meħuda kontra uffiċjal tas-servizz pubbliku impjegat mill-pulizija wara kundanna kriminali — Żamma tal-effetti tad-deċiżjoni dixxiplinari"

II. Introduzzjoni

1. E.B. (iktar 'il quddiem l-"appellant") twieled fl-1942. Fl-1974, meta kien impjegat fil-korp tal-pulizija Awstrijak, huwa kien ikkundannat kriminalment minħabba attentat ta' atti omosesswali ma' persuni li kellhom erbatax u ħmistax-il sena. Fl-1975, l-appellant irċieva sanzjoni dixxiplinari fir-rigward tal-istess atti, li kienet tikkonsisti fl-irtirar kmieni obbligatorju mill-korp tal-pulizija bi tnaqqis ta' 25 % tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu.

2. F'dak iż-żmien, id-dritt Awstrijak kien jipprevedi żewġ reati kriminali separati: il-"korruzzjoni" (atti sesswali ma' persuni *taħt l-età ta' 14-il sena*); u "l-indeċenza" (l-atti omosesswali *maskili* ma' persuni *taħt l-età ta' 18-il sena*). Fl-2002, dan ir-reat tal-aħħar tqies li jammonta għal diskriminazzjoni mhux iġġustifikata abbażi tal-orjentament sesswali. Dan ir-reat tħassar.

3. Fil-kawża prinċipali, l-appellant essenzjalment jikkontesta l-fatt li huwa għadu qed jirċievi pensjoni mnaqqsa, fuq il-bażi li r-reat kriminali u s-sanzjoni dixxiplinari imposta fuqu kienu diskriminatorji, abbażi tal-orjentament sesswali.

4. Huwa f'dan l-isfond legali u fattwali li l-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija) qiegħda tistaqsi jekk it-tnaqqis fid-drittijiet għall-pensjoni tal-appellanti huwiex kompatibbli mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali, taħt l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78 [2], anki jekk id-deċiżjoni dixxiplinari oriġinali saret finali qabel ma din id-direttiva daħlet fis-seħħ. Il-qorti tar-rinviju tagħmel ukoll għadd ta' domandi dwar kif u minn liema mument ikollha tiġi rrimedjata, jekk ikun il-każ, din id-diskriminazzjoni.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.).

III. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

5. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 isemmi, *inter alia*, l-orjentament sesswali bħala raġuni ta' diskriminazzjoni inaċċettabbli.

6. L-Artikolu 2(1) u 2(2)(a), l-Artikolu 3(1)(c) u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78 jistabbilixxu li ġej:

"L-Artikolu 2

Il-kunċett ta' diskriminazzjoni

1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1

(a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

[…]

L-Artikolu 3

Il-kamp ta' applikazzjoni

1. Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[…]

(ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[…]

L-Artikolu 17

Is-Sanzjonijiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu applikati. Is-sanzjonijiet, li jistgħu jinvolvu l-pagament ta' kumpens lill-vittma, għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kumissjoni dwar dawk id-dispożizzjonijet sa mhux aktar tard mit-2 ta' Diċembru 2003 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom."

7. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 18 teħtieġ li d-Direttiva, bħala prinċipju, tiġi trasposta sat-2 ta' Diċembru 2003.

B. Id-dritt nazzjonali

1. Id-dritt kriminali

8. Fil-25 ta' Frar 1974, l-Artikoli 128 u 129 tal-iStrafgesetz (il-Liġi Kriminali, iktar 'il quddiem l-"iStG") kienu applikabbli fil-verżjoni mdaħħla fis-seħħ mill-Bundesgesetz (il-Liġi Federali) ippubblikata fil-BGBl. Nru 273/1971 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Federali tal-1971". Dawn kienu jistabbilixxu li ġej:

"Korruzzjoni

Artikolu 128

Kull persuna li, […] għall-finijiet ta' gratifikazzjoni sesswali, tabbuża sesswalment tifel jew tifla taħt l-età ta' 14-il sena b'mod ieħor għajr dak imsemmi fl-Artikolu 127 jikkommetti r-reat ta' korruzzjoni, li għandu jkun punibbli b'sentenza ta' priġunerija ta' minn 1 sa 5 snin, ta' mhux iktar minn 10 snin f'każ ta' ċirkustanzi aggravanti serji, u ta' mhux iktar minn 20 sena fil-każ ta' xi waħda mill-konsegwenzi msemmija fil-Paragrafu 126.

Reat ta' indeċenza

[…]

Artikolu 129

Dawn il-forom ta' indeċenza għandhom ikunu punibbli ukoll bħala reat kriminali:

I. Indeċenza imwettqa minn persuni tal-istess sess minn kwalunkwe persuna tas-sess maskili li għalaq l-età ta' tmintax-il sena ma' persuna li għadha ma għalqitx l-età ta' tmintax-il sena."

9. Id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq għalhekk ipprevedew etajiet differenti ta' kunsens għal relazzjonijiet omosesswali bejn l-irġiel (18-il sena) u għal relazzjonijiet eterosesswali jew leżbjani (14-il sena) rispettivament.

10. L-istess kien jgħodd għall-pożizzjoni legali skont l-Artikoli 207 u 209 tal-iStrafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali, iktar 'il quddiem l-"iStGB"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1975.

11. B'sentenza tas-21 ta' Ġunju 2002[3], il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Awstrija), iddikjarat li l-Artikolu 209 tal-iStGB (li jikkorrispondi mal-Artikolu 129(I) tal-iStG) ma kienx kostituzzjonali. Dan l-artikolu tħassar b'seħħ mit-28 ta' Frar 2003.

12. Bil-verżjoni tal-iStGB li ddaħħlet fis-seħħ bil-Bundesgesetz (il-Liġi Federali) ippubblikata fil-BGBl I Nru 134/2002 (iktar 'il quddiem "il-Liġi Federali Nru 134/2002"), b'effett mill-13 ta' Awwissu 2002, il-leġiżlatur Awstrijak ħassar l-Artikolu 209 tal-iStGB qabel ma t-tħassir ordnat mill-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) sar effettiv.

3 Sentenza tal-VfGH tal-21 ta' Ġunju 2002, G 6/02 ECLI:AT:VFGH:2002:G6.2002.

13. L-Awstrija kienet is-suġġett ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontra tagħha marbuta mal-applikazzjoni tal-Artikolu 209 tal-iStGB. Fil-kawża L. u V. vs L-Awstrija, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset, essenzjalment, li l-Artikolu 209 tal-iStGB kien jikser l-Artikolu 8 u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), peress li l-leġiżlatur kien naqas milli jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għall-etajiet differenti ta' kunsens applikabbli għal relazzjonijiet omosesswali maskili mal-adulti, minn naħa, u r-relazzjonijiet mal-adulti eterosesswali jew leżbjani, min-naħa l-oħra [4].

2. Id-dritt dwar is-servizz pubbliku

14. Skont l-Artikolu 13(1) tal-Beamten-Dienstrechtsgesetz 1979 (il-Liġi tal-1979 dwar il-Kundizzjonijiet ta' Servizz ta' Uffiċjali tas-Servizz Pubbliku, iktar 'il quddiem il-"BDG 1979"), fil-verżjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li ddaħħlet fis-seħħ bil-Bundesgesetz (il-Liġi Federali) ippubblikata fil-BGBl I Nru 119/2002 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Federali Nru 119/2002"), kien il-każ sat-30 ta' Diċembru 2016 li l-uffiċjali tas-servizz pubbliku kienu obbligati jirtiraw fi tmiem il-65 sena tagħhom.

15. Għall-appellant, li twieled fl-1942, dan — li kieku ma kienx hemm deċiżjoni dixxiplinari meħuda fil-konfront tiegħu — kien ikun l-1 ta' Jannar 2008. F'dak iż-żmien, id-dispożizzjonijiet ewlenin applikabbli għall-evalwazzjoni tal-pensjonijiet kienu jinsabu fil-Pensionsgesetz (PG) 1965 (il-Liġi tal-1965 dwar il-Pensjonijiet) fil-verżjoni li ddaħħlet fis-seħħ bil-Bundesgesetz (il-Liġi Federali) ippubblikata fil-BGBl.I Nru 53/2007 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Federali tal-2007"). Dawk id-dispożizzjonijiet stabbilixxew regoli dwar kif il-pensjonijiet għandhom ikunu kkalkolati, inkluż it-teħid inkunsiderazzjoni tad-data tad-dħul fis-servizz u t-tul tas-servizz.

3. Ir-Regolament dwar is-Servizz tal-Pulizija

16. Id-deċiżjoni dixxiplinari kontra l-appellant tal-10 ta' Ġunju 1975 kienet meħuda abbażi tad-Dienstpragmatik li kien japplika dakinhar (ir-Regolament dwar is-Servizz tal-Pulizija, RGBl Nru 15/1914, iktar 'il quddiem id-"DP"). L-Artikolu 24 u l-Artikolu 87 tad-DP kienu jipprovdu kif ġej:

"Imġiba

Artikolu 24

(1) Uffiċjal tas-servizz pubbliku għandu, fi ħdan u barra s-servizz tiegħu, iżomm ir-reputazzjoni tal-professjoni, iġib ruħu f'kull ħin skont ir-regoli tar-rekwiżiti tal-imġiba u jevita kwalunkwe ħaġa li tista' tippreġudika l-istima u l-kunfidenza meħtieġa mill-pożizzjoni tiegħu.

[…]

Sanzjonijiet dixxiplinari

4 Sentenza tal-Qorti EDB tad-9 ta' Jannar 2003, L. u V. vs L-Awstrija, (CE:ECHR:2003:0109JUD003939298); ara wkoll is-sentenzi tad-9 ta' Jannar 2003, S. L. vs L-Awstrija (CE:ECHR:2003:0109JUD004533099); u tal-21 ta' Ottubru 2004, Woditschka u Wilfling vs L-Awstrija (CE:ECHR:2004:1021JUD006975601).

Artikolu 87

L-uffiċjali tas-servizz pubbliku li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi uffiċjali u professjonali tagħhom għandhom ikunu suġġetti, bla ħsara għar-responsabbiltà kriminali tagħhom, għal sanzjonijiet amministrattivi jew dixxiplinari, skont jekk il-ksur ta' dover jikkostitwixxix sempliċi ksur tar-regoli amministrattivi jew jekk, minħabba d-dannu jew il-ksur tal-interessi tal-Istat, in-natura jew is-serjetà tal-ksur, ir-reċidiva jew ċirkustanzi aggravanti oħra, dan il-ksur huwiex kkunsidrat bħala ksur tal-obbligi tas-servizz."

IV. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

17. L-appellant, li twieled fl-1 ta' Jannar 1942, huwa rtirat.

18. Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Settembru 1974, l-appellant, li f'dak iż-żmien kien jaqdi l-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-pulizija, instab ħati ta' attentat ta' reat ta' indeċenza bejn persuni tal-istess sess skont l-Artikolu 129(I) tal-iStG. Huwa ġie kkundannat għal tliet xhur priġunerija sospiżi għal tliet snin. Appell ippreżentat mill-appellant minn dik id-deċiżjoni tal-ewwel istanza kien ġie miċħud.

19. Permezz ta' deċiżjoni tat-10 ta' Ġunju 1975 tal-Kumitat Dixxiplinari tal-Bundespolizeidirektion Wien (il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Federali, Vjenna, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem il-"BPD-Wien"), l-appellant kien instab ħati li:

"aġixxa bi ksur tad-dmirijiet professjonali tiegħu (l-Artikolu 24(1) tad-[DP] peress li, fid-25 ta' Frar 1974, filgħaxija, filwaqt li kien bil-frank, huwa talab, fi Vjenna, fil-park Prater, lil W ta' 15-il sena u lil H ta' 14-il sena, sabiex jagħmlulu att ta' rilaxx sesswali manwali, li għalih kien instab ħati ta' attentat ta' att ta' indeċenza bejn persuni tal-istess sess ma' persuni ta' età żgħira fis-sens tal-Artikoli 8 u 129(I) tal-iStG.

Huwa b'hekk ikkommetta reat dixxiplinari (l-Artikolu 87 tad- DP). Dan il-Kumitat għaldaqstant jimponi fuqu l-piena dixxiplinari ta' rtirar permanenti obbligatorju b'pensjoni mnaqqsa, filwaqt li t-tnaqqis mid-drittijiet għall-pensjoni standard qed jiġi ffissat bħala 25 % (l-Artikolu 93(1)(d) flimkien mal-Artikolu 97(1) tad-DP)."

20. L-appell ippreżentat mill-appellanti ġie miċħud b'deċiżjoni tal-24 ta' Marzu 1976. Għaldaqstant, l-appellant kien imġiegħel jirtira b'effett mill-1 ta' April 1976.

21. Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 1976, il-pensjoni li għaliha l-appellant kien intitolat kienet ikkalkolata fuq il-bażi tal-irtirar tiegħu b'effett mill-1 ta' April 1976, filwaqt li tqies it-tnaqqis ta' 25 % impost mill-awtorità dixxiplinari.

22. Ġie kkonfermat fis-seduta għas-sottomissjonijiet orali li l-appellant beda jirċievi pensjoni mnaqqsa minn dik id-data.

23. Kif spjegat iktar 'il fuq fil-punti 11 u 12, permezz ta' deċiżjoni tal-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) tal-21 ta' Ġunju 2002, ġie deċiż li l-Artikolu 209 tal-iStGB (li jikkorrispondi mal-Artikolu 129(I) tal-iStG) kien antikostituzzjonali u tħassar mil-leġiżlatur Awstrijak iktar tard dik is-sena.

24. B'ittra tat-2 ta' Ġunju 2008, l-appellant ippreżenta lill-awtorità dixxiplinari, *inter alia*, rikorsi sabiex id-deċiżjoni dixxiplinari tad-10 ta' Ġunju 1975 tkun annullata, il-proċeduri dixxiplinari kontrih jitwaqqfu u, alternattivament, l-effetti legali ta' dik id-deċiżjoni dixxiplinari jiġu ddikjarati estinti mill-21 ta' Ġunju 2002. Huwa talab ukoll il-ħlas ta' salarji għal perijodi speċifiċi ta' servizz u, sussidjarjament, sostna li t-tnaqqis tal-pensjoni tiegħu ma kellux iseħħ mill-21 ta' Ġunju 2002 'il quddiem.

25. Dawn ir-rikorsi ġew miċħuda.

26. Fil-11 ta' Frar 2009, l-appellant ippreżenta rikors lill-awtorità tas-servizz pubbliku u tal-pensjonijiet għall-evalwazzjoni u għall-ħlas b'lura ta' salarji u benefiċċji tal-pensjoni ogħla. Huwa esprima l-opinjoni, primarjament, li, sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni (li kienet għadha għaddejja), huwa għandu jiġi ttrattat, mill-perspettiva ta' paga u drittijiet għall-pensjoni, daqslikieku kien f'impjieg attiv sakemm laħaq l-età statutorja tal-irtirar. Alternattivament, huwa sostna li kien intitolat, mill-inqas, għall-pensjoni tiegħu mingħajr it-tnaqqis ta' 25 %.

27. Dawk ir-rikorsi ġew miċħuda. Kontestazzjoni kontra din iċ-ċaħda quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) ġiet miċħuda. Sar appell straordinarju kontra dik is-sentenza quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva), li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża.

28. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tassumi li, wara li d-Direttiva 2000/78 saret effettiva fid-dritt Awstrijak, deċiżjoni dixxiplinari avversa bħal dik mogħtija fir-rigward tal-appellant ma kinitx tkun iktar permessa. Fl-assenza ta' kwalunkwe raġuni (ġdida) ta' ġustifikazzjoni għal etajiet differenti ta' kunsens għal relazzjonijiet omosesswali maskili ma' adulti, minn naħa, u għal relazzjonijiet eterosesswali u leżbjani mal-adulti, min-naħa l-oħra, ma għandux ikun ammissibbli li ssir distinzjoni, anki għall-finijiet ta' azzjoni dixxiplinari, bejn l-inċitament ta' minuri minn adult sabiex iwettaq atti omosesswali maskili, minn naħa, u l-inċitament minn adult sabiex iwettaq atti eterosesswali jew leżbjani, min-naħa l-oħra.

29. Skont il-qorti tar-rinviju, ma kien hemm "assolutament l-ebda dubju" li d-deċiżjoni dixxiplinari inkwistjoni saret fuq il-bażi ta' din id-distinzjoni, u li l-bażi ċentrali tagħha kienet li l-aġir li bih ġie akkużat l-appellant kien (f'dak iż-żmien) reat kriminali ssanzjonat mil-liġi. Għalkemm ma huwiex inkonċepibbli li tali inċitament sabiex jitwettqu atti eterosesswali jew leżbjani kien jiġi interpretat bħala abbandun ta' dmirijiet, kwalunkwe deċiżjoni dixxiplinari magħmula fl-assenza tal-elementi kostituttivi tar-reat previst fl-Artikolu 129(I) tal-iStG kienet tkun "inkomparabbilment inqas iebsa".

30. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi x'inhuma l-effetti tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/78 u tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fuq il-pagamenti li għadhom għaddejjin tal-pensjoni lill-appellant. Il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 2 tad-Direttiva [2000/78] jipprekludi ż-żamma ta' effetti legali ta' deċiżjoni amministrattiva finali fil-qasam tal-liġi li tirregola d-dixxiplina tal-uffiċjali (deċiżjoni dixxiplinari) li tordna l-irtirar ta' uffiċjal flimkien ma' tnaqqis fil-pensjoni, meta

fil-mument tal-adozzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva [2000/78], ma kinux applikabbli għal din id-deċiżjoni amministrattiva, iżda

deċiżjoni (ipotetika) komparabbli tikser din id-direttiva li kieku ġiet adottata fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' din?

2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, sabiex terġa' tiġi stabbilita sitwazzjoni ħielsa minn kull diskriminazzjoni,

   (a) id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li għall-finijiet tal-kalkolu tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni, l-uffiċjal għandu jitqies, bejn id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni amministrattiva u l-okkorrenza tal-età tal-irtirar, mhux bħala li kien irtirat iżda f'sitwazzjoni ta' servizz attiv jew

   (b) huwa suffiċjenti għal dan il-għan li jiġi rikonoxxut li huwa għandu dritt għal pensjoni sħiħa bir-rata applikabbli minħabba l-irtirar tiegħu fil-mument indikat fid-deċiżjoni amministrattiva?

3. Ir-risposta għad-domanda 2 tiddependi fuq jekk, qabel l-età tal-irtirar, l-uffiċjal *de facto* talab fuq inizjattiva tiegħu stess xogħol attiv fis-servizz pubbliku federali?

4. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni jeħtieġ biss l-annullament tat-tnaqqis perċentwali tal-ammont tal-pensjoni (u, skont il-każ, skont iċ-ċirkustanzi msemmija fid-domanda 3):

   il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni imposta mid-[Direttiva 2000/78] tista' tiġġustifika s-supremazija ta' din fuq kwalunkwe dispożizzjoni kunfliġġenti tad-dritt nazzjonali u li l-qorti nazzjonali għandha tosservaha fil-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni, anki għal perijodi qabel mad-Direttiva [2000/78] saret direttament applikabbli fid-dritt nazzjonali?

5. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 4: f'liema mument iseħħ tali "effett retroattiv"?

31. Tressqu sottomissjonijiet bil-miktub mill-appellant, mill-Gvern Taljan, mill-Gvern Awstrijak u mill-Kummissjoni Ewropea. Instemgħu wkoll is-sottomissjonijiet orali ta' dawn il-partijiet interessati, ħlief għall-Gvern Taljan, matul is-seduta tad-29 ta' Mejju 2018.

V. Kunsiderazzjonijiet

32. Tista' dispożizzjoni legali ġdida tiġi invokata sabiex tikkontesta riperkussjonijiet li għadhom għaddejjin ta' deċiżjoni amministrattiva li ġiet adottata u saret finali qabel din id-dispożizzjoni ġdida saret applikabbli? Din hija l-kwistjoni fundamentali li tqajjem l-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju.

33. F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali jien nikkunsidra li r-risposta hija le.

34. Fid-dawl tar-risposta li qiegħed nipproponi għall-ewwel domanda (Taqsima A hawn taħt), il-bqija tad-domandi ma jeħtiġux risposta. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tasal għal konklużjoni differenti, jiena ser niddiskuti wkoll fil-qosor il-kwistjonijiet li jqajmu dawk id-domandi (it-Taqsimiet B u C), kif ukoll ir-rilevanza tal-Artikolu 157 TFUE (li kien l-Artikolu 141 KE) għal din il-kawża. Din l-aħħar dispożizzjoni ma tidhirx fid-domandi tal-qorti tar-rinviju, imma tqajmet mill-appellant (Taqsima D).

A. L-ewwel domanda

35. Meta deċiżjoni amministrattiva, li tinvolvi diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali u li twassal għal tnaqqis fid-drittijiet għall-pensjoni, tkun saret definittiva qabel ma tali diskriminazzjoni ġiet ipprojbita skont id-Direttiva 2000/78, iż-żamma ta' dan it-tnaqqis fid-drittijiet għall-pensjonijiet hija prekluża issa li d-Direttiva hija fis-seħħ? Dan huwa l-qofol tal-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju.

36. Fid-digriet tar-rinviju huwa indikat li l-ewwel domanda ma tirrigwardax il-validità tad-deċiżjoni li timponi l-irtirar obbligatorju u t-tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni tal-appellanti. Din kienet ġiet ikkontestata fis-snin sebgħin u l-appellant reġa' pprova jikkontestaha (bla suċċess) wara li d-dispożizzjoni inkwistjoni tal-liġi kriminali kienet tħassret.

37. Pjuttost, sa fejn id-deċiżjoni amministrattiva kienet tinvolvi d-diskriminazzjoni, l-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk imurx kontra d-Direttiva 2000/78 li *jinżammu l-effetti* ta' din id-deċiżjoni f'termini ta' *drittijiet li għadhom għaddejjin għall-pensjoni mnaqqsa*.

38. Meta nindirizza din id-domanda, ser nibda billi nfakkar l-approċċ ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-applikazzjoni *ratione temporis* ta' dispożizzjonijiet ġodda fuq effetti li għadhom għaddejjin ta' sitwazzjonijiet preeżistenti (Taqsima 1). Imbagħad ser indur għall-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja speċifikament f'każijiet li jinvolvu pensjonijiet (Taqsima 2). Imbagħad, ser nispjega l-ġurisprudenza dwar r-relazzjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin (Taqsima 3) u sa fejn jasal l-obbligu ta' ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet passati (Taqsima 4). Fl-aħħar nett, ser napplika dawn il-kunsiderazzjonijiet għall-każ ineżami (Taqsima 5).

39. Madankollu, qabel ma ngħaddi għal dawn il-kwistjonijiet, hemm bżonn li jsiru żewġ osservazzjonijiet preliminari.

40. L-ewwel nett, jidher li hemm qbil dwar il-fatt li d-differenza fit-trattament *kriminali* ta' relazzjonijiet sesswali ma' minuri skont jekk tali relazzjonjiet humiex ta' natura omosesswali jew eterosesswali, li kienet tapplika taħt il-liġi Awstrijaka fl-1974, ma tkunx aċċettabbli *llum*. Loġikament l-istess ikollu mbagħad jingħad dwar ir-riferimenti għas-sesswalità tal-appellant fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni *dixxiplinari*. L-ebda waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ma kienet fil-fatt ikkontestata mill-Gvern Awstrijak. Madankollu, u mingħajr ma ġie kkontradett fuq dan il-punt, il-Gvern Awstrijak sostna li kemm is-sanzjonijiet kriminali kif ukoll dawk dixxiplinari kienu kompletament legali taħt id-dritt Awstrijak fl-1974 u fl-1975. Dan il-gvern issuġġerixxa wkoll li huma kienu konformi mal-istandards Ewropej prevalenti ta' dak iż-żmien, li evolvew minn dak iż-żmien lil hawn.

41. It-tieni nett, dak li huwa ħafna inqas ċar fil-kuntest ta' din il-kawża hija r-relazzjoni eżatta bejn is-sanzjonijiet kriminali u s-sanzjonijiet dixxiplinari fil-kawża prinċipali. B'mod partikolari, kien hemm diskussjonijiet pjuttost estensivi, kemm fis-sottomissjonijiet bil-miktub kif ukoll fis-seduta għas-sottomissjonijiet orali, dwar jekk sanzjoni dixxiplinari (ta' ċertu severità) kinitx jew le konsegwenza meħtieġa tal-kundanna kriminali. Minn naħa, b'differenza mill-Kodiċi Kriminali, ir-regoli dixxiplinari (ifformulati b'mod pjuttost ġenerali[5]) applikabbli għal uffiċjali tas-servizz pubbliku ma kienu jagħmlu l-ebda distinzjoni formali bejn l-imġiba fuq il-bażi tan-natura omosesswali jew eterosesswali tagħha. Min-naħa l-oħra, fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju qalet li, li kieku ma kienx hemm kundanni kriminali, il-miżuri dixxiplinari imposti kienu jkunu "inkomparabbilment inqas iebsa".

42. Bi tweġiba għal mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni eżatta bejn is-sanzjonijiet kriminali u s-sanzjonijiet dixxiplinari, il-Gvern Awstrijak qal li, fl-1974, l-eżistenza ta' sanzjoni kriminali definittiva kontra uffiċjal tal-pulizija ma kinitx neċessarjament *suffiċjenti* għal tkeċċija awtomatika[6]. Madankollu, lanqas ma kien jidher li tali kundanna kienet *meħtieġa* sabiex jiġu imposti sanzjonijiet dixxiplinari. L-uffiċjali tal-pulizija Awstrijaċi kienu meħtieġa fl-1974 li jaġixxu f'konformità mal-ogħla standards kemm meta jkunu waqt il-ħin tas-servizz kif ukoll meta ma jkunux. B'hekk, il-fatt li ċerta mġiba ma kinitx is-suġġett ta' kundanna kriminali (jew tabilħaqq ikkriminalizzata) ma kienx ifisser li hija ma kinitx toħloq problemi taħt ir-regoli dixxiplinari. F'dan ir-rigward, il-Gvern Awstrijak, mingħajr ma ġie

5 Artikolu 24 tad-DP, ikkwotat iktar 'il fuq fil-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

6 Il-Gvern Awstrijak żied li skont ir-regoli nazzjonali attwali, kundanna kriminali finali kontra uffiċjal tas-servizz pubbliku għandha bħala konsegwenza awtomatika tagħha t-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg *ex lege*, mingħajr ma tkun meħtieġa deċiżjoni dixxiplinari f'dak ir-rigward.

kkontestat fuq dan il-punt, assuma li, b'mod kompletament *irrispettiv mill*-orjentament sesswali, is-sollečitazzjoni minn uffiċjal tal-pulizija ta' 32-il sena ta' persuni ta' 14 u 15-il sena f'park pubbliku x'aktarx ma kinitx tiġi kkunsidrata bħala mġiba rispettabbli. Tabilħaqq ġie kkonfermat mill-qorti tar-rinviju li s-sollečitazzjoni ekwivalenti eterosesswali ta' minuri f'parkijiet pubbliċi setgħet tiġi interpretata bħala abbandun tad-dmirijiet, punibbli f'dak iż-żmien b'azzjoni dixxiplinari

43. Jiena nislet konklużjoni doppja minn dawn id-dikjarazzjonijiet. L-ewwel nett, nifhem li s-*sempliċi eżistenza* ta' deċiżjoni definittiva ta' kundanna kriminali kontra uffiċjal tal-pulizija kellha minnha nnifisha titqies bħala falliment f'termini tal-obbligi professjonali tiegħu. Huwa pjuttost ċar li l-istandards ta' mġiba għall-uffiċjali tal-pulizija huma stabbiliti f'livell ogħla milli sempliċement "ma jikkommettux reati kriminali". F'dan is-sens, huwa għalhekk pjuttost loġiku li l-eżistenza ta' kundanna kriminali kellha, minnha nnifisha, riperkussjonijiet diretti fuq il-firxa ta' sanzjonijiet possibbli, b'tali mod li kienu "(in)komparabbilment iktar iebsa" milli f'każijiet fejn ma ngħatat l-ebda kundanna kriminali[7]. It-tieni nett, nifhem ukoll li lil hinn minn din l-implikazzjoni unilaterali (mill-eżistenza tal-kundanna kriminali għas-sanzjoni dixxiplinari) f'termini ta' severità tas-sanzjoni, kundanna kriminali *ma kinitx kundizzjoni preliminari neċessarja* għall-adozzjoni ta' din is-sanzjoni dixxiplinari.

1. L-applikabbiltà ratione temporis ta' regoli ġodda

a) L-approċċ ġenerali

44. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, regoli ġodda japplikaw bħala prinċipju immedjatament għall-"effetti futuri ta' sitwazzjoni li tkun inħolqot taħt ir-reġim tar-regola l-qadima" u l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi estiż b'mod li jipprekludi, "ġeneralment, milli tpaplika regola ġdida għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu taħt ir-regola qadima"[8].

45. Madankollu, sabiex tiġi ggarantita l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, id-dispożizzjonijiet tad-dritt sostantiv tal-Unjoni għandhom ikunu interpretati bħala applikabbli għal "sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom" biss sa fejn "mill-kliem, mill-għanijiet jew mill-istruttura tagħhom jirriżulta b'mod ċar li dawn għandhom jingħataw tali effett"[9].

46. Skont formula oħra użata mill-Qorti tal-Ġustizzja, dispożizzjoni legali ġdida "ma tapplikax għal sitwazzjonijiet legali li tnisslu u ġew definittivament konklużi taħt is-sistema legali preċedenti [imma fil-fatt] tapplika għall-effetti futuri tagħhom, kif ukoll għal sitwazzjonijiet legali ġodda. Dan ikun differenti, u suġġett għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti ġuridiċi, jekk ir-regola l-ġdida jkollha magħha dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni *ratione temporis* tagħha"[10].

47. Ir-regoli ġenerali li jirriżultaw minn dawn il-kawżi jistgħu għalhekk jiġu deskritti kif ġej: (i) in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' regoli ġodda għal "sitwazzjonijiet definittivi", li jkunu nħolqu u ġew aġġudikati skont ir-regoli l-qodma, u (ii) l-applikazzjoni ta' regoli ġodda għall-effetti futuri ta' "sitwazzjonijiet eżistenti", li jipproduċu effetti li jibqgħu għaddejjin. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' fatti eqdem għal evalwazzjoni legali ġdida skont ir-regoli l-ġodda, barra minn hekk, ser jitwettaq biss jekk tali evalwazzjoni hija prevista jew meħtieġa minn natura jew mill-istruttura tar-regoli l-ġodda.

7 Kif fil-fatt kien diġà implikat mill-kliem tal-Artikolu 87 tad-DP applikabbli dak iż-żmien (iktar 'il fuq, punt 16).

8 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 1979, Tomadini (84/78, EU:C:1979:129, punt 21), u tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Andersen (C-303/13 P, EU:C:2015:647, punt 49).

9 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Andersen (C-303/13 P, EU:C:2015:647, punt 50).

10 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage (C-596/13 P, EU:C:2015:203, punt 32).

48. L-istess approċċ huwa rifless ukoll fil-kuntest tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni [11], kemm fir-rigward tal-applikazzjoni nazzjonali ta' regoli (ġdida) tal-Unjoni kif ukoll tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari sabiex tirrispondi domandi dwar sitwazzjonijiet bħal dawn. Fatti tal-passat (jiġifieri, fatti preċedenti għall-adeżjoni) jistgħu jiġu kkunsidrati jekk ikunu rilevanti u jekk ikun hemm bżonn li jiġu evalwati (mill-ġdid) fil-proċess tal-applikazzjoni tal-liġii jew tal-liġijiet il-ġodda wara l-adeżjoni [12]. B'hekk, pereżempju, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li essenzjalment tibda tevalwa mill-ġdid b'mod sostantiv, wara l-adeżjoni, jekk xi termini f'kuntratt mal-konsumatur konkluż qabel l-adeżjoni kinux inġusti, anki jekk dan il-kuntratt qed jiġi effettivament eżegwit wara l-adeżjoni [13]. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet kompetenti sabiex tevalwa jekk leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-interessi għal ħlasijiet tard li kienu jirrigwardaw tranżazzjoni legali konkluża ferm qabel l-adeżjoni, iżda b'effetti li baqgħu għaddejjin (u l-kalkolu aħħari tagħhom) wara l-adeżjoni, kinitx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [14].

b) Il-ġurisprudenza Ciola

49. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub u orali tagħhom, kemm l-appellant kif ukoll il-Kummissjoni bbażaw ruħhom b'mod estensiv fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ciola [15]. Dik id-deċiżjoni għandha tabilħaqq tkun eżaminata fid-dettall, għaliex turi kif il-gwida ġenerali deskritta fit-taqsima preċedenti għandha tiġi applikata fil-kuntest ta' każ speċifiku.

50. Id-data maġika fil-kawża Ciola kienet l-1 ta' Jannar 1995, id-data meta l-Awstrija ssieħbet fil-Komunitajiet Ewropej. F'dik id-data, naturalment barra minn kwalunkwe deroga espliċita, id-dritt tal-Komunità Ewropea, inkluż ir-regoli tal-moviment liberu, daħal fis-seħħ b'mod sħiħ u sar applikabbli immedjatament f'dak l-Istat Membru l-ġdid.

51. Il-kumpannija ta' E. Ciola kienet proprjetarja u kienet tikri 200 irmiġġ għal dgħajjes tad-divertiment, li kienu jinsabu fil-parti Awstrijaka ta' Bodensee. Deċiżjoni amministrattiva mill-1990 iddikjarat li massimu ta' 60 irmiġġ setgħu jinkrew lil residenti barranin [16]. Lista tal-irmiġġi mogħtija lil residenti barranin kellha tiġi pprovduta fuq bażi annwali [17].

52. Fil-10 ta' Lulju 1996 (18-il xahar wara l-adeżjoni), kienet ġiet adottata deċiżjoni amministrattiva individwali ġdida li sabet lill-kumpannija ħatja li kriet żewġ irmiġġi lil residenti barranin f'Jannar u Mejju 1995, li wassal sabiex inqabżet il-kwota ta' 60. E. Ciola ġie immultat għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ istanzi ta' ksur tad-deċiżjoni amministrattiva tal-1990 [18]. E. Ciola appella mid-deċiżjoni tal-1996 li imponiet multi. Il-kawża kienet is-suġġett ta' rinvju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, fejn it-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju staqsiet espliċitament dwar il-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' dik il-preklużjoni, peress li d-deċiżjoni amministrattiva oriġinali kienet saret finali qabel l-adeżjoni.

11 Li, b'ċertu mod, ma huwiex differenti bħala prinċipju imma fl-iskala biss (l-ordinament ġuridiku sħiħ huwa effettivament "emendat").

12 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2007, Telefónica O2 Czech Republic (C-64/06, EU:C:2007:348) (proċedura quddiem awtorità li kienet għaddejja matul l-adeżjoni, u d-deċiżjoni ttieħdet wara l-adeżjoni); tat-22 ta' Diċembru 2010, Bezpečnostní softwarová asociace (C-393/09, EU:C:2010:816, punt 22 sa 27) (talba għall-awtorizzazzjoni qabel l-adeżjoni, deċiżjoni ġdida adottata wara l-adeżjoni); tal-24 ta' Novembru 2011, Circul Globus Bucureşti (C-283/10, EU:C:2011:772, punt 29) (kuntratt ta' liċenzjar qabel l-adeżjoni, ksur allegat tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali wara l-adeżjoni); tat-12 ta' Settembru 2013, Kuso (C-614/11, EU:C:2013:544, punt 30) (kuntratt tax-xogħol qabel l-adeżjoni, irtirar wara l-adeżjoni); u tat-3 ta' Settembru 2014, X (C-318/13, EU:C:2014:2133, punti 21 sa 24) (inċident fuq ix-xogħol qabel l-adeżjoni, l-att legali relatat jiġi kkontestat wara l-adeżjoni).

13 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Ynos (C-02/04, EU:C:2006:9).

14 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Nemec (C-256/15, EU:C:2016:954).

15 Sentenza tad-29 ta' April 1999, Ciola (C-224/97, EU:C:1999:212).

16 Sentenza tal-29 ta' April 1999, Ciola (C-224/97, EU:C:1999:212, punti 3 u 4).

17 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Ciola (C-224/97, EU:C:1998:598, punt 5).

18 Sentenza tad-29 ta' April 1999, Ciola (C-224/97, EU:C:1999:212, punt 8); konklużjoniiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Ciola (C-224/97, EU:C:1998:598, punt 6).

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet il-motivazzjoni tagħha billi kkonfermat li l-kwota għall-irmiġġi ta' residenti barranin kienet prekluża mir-regoli dwar il-moviment liberu tas-servizzi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li t-"tilwima ma tikkonċernax id-destin tal-att amministrattiv innifsu, f'dan il-każ id-deċiżjoni tad-9 ta' Awwissu 1990, iżda l-kwistjoni dwar jekk tali att għandux jiġi injorat *meta tiġi evalwata l-validità ta' penali imposta* [wara d-data tal-adeżjoni] għan-nuqqas ta' konformità ma' obbligu taħtu, minħabba l-inkompatibbilità tiegħu mal-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi"[19]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali att għandu jiġi mwarrab.

54. F'din il-kawża, l-appellant jiċċita s-sentenza Ciola bħala li effettivament tiddeċiedi li persuna li tbati l-effetti negattivi ta' deċiżjoni amministrattiva għandha d-dritt li jkollha dawn l-effetti nnewtralizzati jekk, ipotetikament, id-deċiżjoni amministrattiva *kienet tkun* inkompatibbli ma' dispożizzjonijiet legali ġodda li kieku ġiet adottata wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda.

55. Madankollu tali konklużjoni ma tirriżultax mis-sentenza Ciola. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Ciola, ir-rikorrent kien qiegħed jikkontesta l-*validità ta' multa* li kienet ġiet imposta minn deċiżjoni *sussegwenti għad-dħul fis-seħħ* tar-regoli dwar il-moviment liberu fl-Awstrija. Barra minn hekk, il-multa kienet imposta *għal azzjonijiet* imwettqa mill-kumpannija ta' E. Ciola – il-kiri ta' rmiġġi f'Jannar u Mejju 1995 — li *dawn stess* seħħew wara l-adeżjoni.

56. Għaldaqstant huwa pjuttost ċar li, fis-sentenza Ciola, kien hemm applikazzjoni ġdida tal-liġi l-ġdida ta' wara l-adeżjoni, li loġikament kienet meħtieġa sabiex tkun evalwata sitwazzjoni ġdida. Il-fatti ta' wara l-adeżjoni (il-kiri ta' rmiġġi) kellhom jiġu evalwati u mqabbla mal-liġi ta' wara l-adeżjoni (liġi nazzjonali adattata prospettivament sabiex tkun konformi mar-regoli tal-Unjoni applikabbli reċentement). Barra minn hekk, b'mod ċar ma kienx hemm "newtralizzazzjoni" ta' effetti (passati) tad-deċiżjoni tal-1990 fis-sens issuġġerit mill-appellant. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddikjaratx li din id-deċiżjoni kellha tiġi rriveduta jew li kwalunkwe kumpens għall-eżistenza preċedenti tagħha kellu jitħallas. Minflok, dak li kien meħtieġ kien sempliċement li din id-deċiżjoni antika, li saret inkompatibbli mal-liġijiet il-ġodda wara l-1995, ma setgħetx tibqa' tiġi applikata f'applikazzjoni ġdida tal-liġi fil-kuntest ta' impożizzjoni ta' penali amministrattivi wara l-adeżjoni.

2. Ġurisprudenza speċifika fuq il-pensjonijiet

57. L-approċċ ġenerali deskritt fit-taqsima preċedenti japplika wkoll fil-kuntest tad-Direttiva 2000/78 u tal-iskemi tal-pensjoni[20]. Madankollu, preċiżament *kif* dawn ir-regoli japplikaw f'każijiet individwali ma huwiex neċessarjament ovvju. Il-karatteristiċi partikolari tal-iskemi tal-pensjonijiet ma jistgħux jiġu injorati. Id-drittijiet jakkumulaw u l-pensjonijiet jitħallsu għal diversi snin, perijodu ta' żmien li matulu l-liġijiet jistgħu jinbidlu b'mod sinjifikattiv. Il-fatt li tilwim relatat mal-pensjoni jista' jinvolvi somom ta' flus tant sinjifikattivi għall-individwu u, b'mod aggregat, għall-fondi tal-pensjonijiet tal-istat u privati, jagħmel dan is-suġġett iktar sensittiv.

58. Din hija tabilħaqq karatteristika sinjifikattiva li wieħed jista' jaraha għaddejja fis-sentenzi li ser jiġu diskussi f'din it-taqsima fir-rigward tal-pensjonijiet. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet jinvolvu deċiżjonijiet dwar pensjonijiet li ġew adottati *wara* li daħlu fis-seħħ regoli ġodda.

19 Sentenza tad-29 ta' April 1999, Ciola (C-224/97, EU:C:1999:212, punti 25 u 34), enfasi miżjuda. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Ciola (C-224/97, EU:C:1998:598, punti 40 sa 43).

20 Sentenzi tal-1 ta' April 2008, Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179), u tal-10 ta' Mejju 2011, Römer (C-147/08, EU:C:2011:286). Ċerti skemi tal-pensjoni huma, madankollu, eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 mill-Artikolu 3(3) tagħha.

a) Fatti qodma, liġi ġdida u l-ħtieġa ta' deċiżjoni ġdida

59. Hemm ħafna sentenzi relatati speċifikament mal-pensjonijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, meta jiġi stabbilit id-dritt għal pensjoni, għandhom jiġu kkunsidrati fatti preċedenti għad-dħul fis-seħħ ta' regoli ġodda li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni (b'mod partikolari, perijodi ta' servizz).

60. Għalhekk, pereżempju, il-kawżi Bruno u O'Brien [21] kienu jirrigwardaw it-trattament ugwali ta' ħaddiema part-time u full-time, li huwa previst fid-Direttiva 97/81 [22]. F'dawn is-sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-determinazzjoni ta' jekk individwu jikkwalifikax għal pensjoni, il-perijodi ta' servizz part-time preċedenti għad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva kellhom jiġu kkunsidrati [23]. Fiż-żewġ sentenzi Bruno u O'Brien l-intitolament għal pensjoni kellu jiġi ddeterminat *wara* d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva [24].

61. Dan kien il-każ ukoll fil-kawżi Barber [25] u Ten Oever [26], fejn kienet inkwistjoni l-allegata diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess bi ksur tal-Artikolu 119 KE. F'dawn il-kawżi, l-intitolament għal pensjoni ġie ddeterminat *wara* d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 119 KEE [27].

62. Fil-kawża Maruko [28] il-kwistjoni kienet iċ-ċaħda ta' dritt għal pensjoni tas-superstiti li rriżultat minn allegata diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali, bi ksur tad-Direttiva 2000/78. Bħal fil-kawża Ten Oever [29], il-ġrajja rilevanti seħħet, u d-deċiżjoni l-ġdida (il-mewt tas-sieħeb u d-deċiżjoni li tiġi miċħuda pensjoni tas-superstiti) ittieħdet *wara* li skada t-terminu għat-traspożizzjoni [30].

63. Il-kawżi Kauer u Duchon kienu effettivament jinvolvu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità [31]. F'dawn il-kawżi, ir-rikorrenti applikaw għal pensjoni fl-Awstrija *wara* l-adeżjoni u talbu li ċerti fatti li seħħew fi Stati Membri oħra u qabel l-adeżjoni jittieħdu inkunsiderazzjoni (fil-kawża Kauer, perijodi tat-trobbija tat-tfal fil-Belġju, u fil-kawża Duchon, każ ta' inċident relatat max-xogħol fil-Ġermanja li wassal għal inkapaċità).

64. Fil-qosor, il-każijiet imsemmija hawn fuq dwar il-pensjonijiet kollha jinvolvu sitwazzjonijiet fejn fatti preċedenti għal-liġi l-ġdida huma kkunsidrati fl-adozzjoni ta' deċiżjoni *posterjuri* għal-liġi l-ġdida. Dan jaqbel perfettament max-xejra ġenerali tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq: hemm sitwazzjoni fattwali għaddejja li fir-rigward tagħha għandha ssir evalwazzjoni legali ġdida wara d-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, huwa għal kollox loġiku, b'mod partikolari fil-kuntest tas-sigurtà soċjali, li jiġu kkunsidrati l-elementi fattwali rilevanti kollha li ġew qabel il-liġi l-ġdida.

21 Sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et* (C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329), u tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110).

22 Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267).

23 Sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et* (C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, punt 55), u tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 24 u 25).

24 Fil-kawża O'Brien, fl-2005. Fir-rigward tas-sentenza Bruno, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkonfermax dan espliċitament, iżda l-fatt li ebda wieħed mir-rikorrenti ma kien irtirat huwa impliċitu fil-punt 12 tas-sentenza. Fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Bruno, l-Avukat Ġenerali Sharpston iddikjarat li "id-Direttiva 97/81 tirregola l-kalkolu tal-ġimgħat li jikkwalifikaw għat-teħid tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inkwantu l-ebda waħda mir-rikorrenti ma kienet irtirat definittivament qabel ma daħlet fis-seħħ id-direttiva. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi jekk dan huwiex il-każ" (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawżi magħquda Bruno *et*, C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:28, punt 40). Enfasi miżjuda.

25 Sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, Barber (C-262/88, EU:C:1990:209).

26 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1993, Ten Oever (C-109/91, EU:C:1993:833).

27 Fil-kawża Ten Oever, id-dritt allegat għall-pensjoni tas-superstiti rriżulta wara l-mewt tal-konjuġi fl-1988. D. Barber kien ingħata s-sensja fl-1980.

28 Sentenza tal-1 ta' April 2008, Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179).

29 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1993, Ten Oever (C-109/91, EU:C:1993:833).

30 Ara s-sentenza tal-1 ta' April 2008, Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179, punt 21).

31 Sentenzi tas-7 ta' Frar 2002, Kauer (C-28/00, EU:C:2002:82), u tat-18 ta' April 2002, Duchon (C-290/00, EU:C:2002:234).

65. Għal din ir-raġuni, din il-ġurisprudenza, fil-fehma tiegħi, ma tistax tiġi trasposta għal dan il-każ, fejn il-fatti, il-liġi applikabbli, kif ukoll id-deċiżjoni amministrattiva nnifisha jippreċedu l-liġi l-ġdida. L-uniċi elementi posterjuri għal-liġi l-ġdida huma l-ħlasijiet ta' pensjoni li jingħataw lill-appellant.

66. Dan huwa iktar u iktar il-każ għaliex id-deċiżjoni allegatament diskriminatorja f'din il-kawża tinvolvi l-evalwazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi għal fatti li fihom innifishom ma humiex relatati *direttament* mal-intitolament għall-pensjoni jew mal-kalkolu tal-pensjoni. L-allegata diskriminazzjoni tirrigwarda deċiżjoni dixxiplinari li, wara li kkonfermat il-ħtija tal-appellant, imponiet sanzjoni dixxiplinari doppja fuqu [32]. Ovvjament ma hemm l-ebda dubju li din id-deċiżjoni kellha riperkussjonijiet fuq il-pensjoni tal-appellant [33]. Madankollu, kuntrarjament għall-każijiet diskussi f'din it-taqsima, il-kawża ineżami ma tinvolvix, pereżempju, kundizzjonijiet oġġettivi ta' intitolament li jirrigwardaw sitwazzjonijiet personali jew perijodi ta' servizz. Minflok, din tikkonċerna deċiżjoni dixxiplinari sottostanti u separata dwar sett speċifiku ta' fatti.

b) Pensjonijiet eżistenti, liġi ġdida u sitwazzjonijiet kurrenti

67. Is-sentenza fil-kawża Römer [34], li kienet iċċitata mill-partijiet kollha, ma tantx taqbel daqshekk tajjeb mal-approċċ imsemmi iktar 'il fuq. Għaldaqstant ta' min jikkunsidraha f'iktar dettall.

68. F'dik il-kawża, ir-rikorrent kien fil-fatt diġà rtirat u kien jieħu l-pensjoni tiegħu meta fl-2001 (b'hekk qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzoni tad-Direttiva 2000/78) huwa daħal f'unjoni tul il-ħajja mas-sieħeb tiegħu. J. Römer kien miċħud il-klassifikazzjoni fiskali li normalment kienet tiġi applikata f'każ ta' żwieġ (eterosesswali) [35], u kieku kien jirċievi ħlasijiet tal-pensjoni ogħla.

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ddeċidiet li, sa fejn kien hemm diskriminazzjoni, J. Römer seta' jitlob trattament fiskali ugwali *sa mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni* tad-Direttiva 2000/78. B'kuntrast mal-kawżi l-oħra li ċċitajt iktar 'il fuq, madankollu, fil-kawża Römer id-dritt tar-rikorrent għal pensjoni ġie deċiż qabel ma r-regoli l-ġodda daħlu fis-seħħ. Il-kwistjoni kienet dwar id-*diskriminazzjoni li kienet għadha għaddejja* fir-rigward ta' pagamenti sussegwenti u l-pożizzjoni fiskali tar-rikorrent.

70. Madankollu, dak il-każ huwa differenti minn dak preżenti, b'mod partikolari għal żewġ raġunijiet.

71. L-ewwel nett, huwa minnu li l-pożizzjoni tat-taxxa ta' J. Römer kienet ġiet iddeterminata qabel l-iskadenza tal-perijodu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/78, u b'hekk f'dan is-sens kienet deċiżjoni "finali". Madankollu, huwa wkoll il-każ li l-liġi nazzjonali rilevanti kienet tipprevedi *reviżjoni* tat-trattament fiskali fil-każ ta' *bidla fiċ-ċirkustanzi personali*. Għalhekk, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, taħt il-liġi nazzjonali applikabbli "jekk il-kundizzjonijiet [għal klassifikazzjoni tat-taxxa iktar favorevoli] ikunu sodisfatti biss wara li tibda titħallas il-pensjoni ta' rtirar, għandha, jekk il-persuna kkonċernata titlob dan, tiġi applikata din l-aħħar dispożizzjoni minn din id-data" [36].

72. Fil-kawża Römer kien hemm għalhekk mekkaniżmu għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ġodda, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni bidliet fiċ-ċirkustanzi personali li jkunu ġodda u li jkunu rilevanti għall-finijiet ta' kalkoli ta' sigurtà soċjali.

32 Il-parti operattiva ta' dik id-deċiżjoni hija riprodotta iktar 'il fuq fil-punt 19.

33 Ara l-punti 21 u 22 iktar 'il fuq.

34 Sentenza tal-10 ta' Mejju 2011, Römer (C-147/08, EU:C:2011:286).

35 B'mod aktar speċifiku, il-klassifikazzjoni fiskali tad-dħul nett nozzjonali użat sabiex tiġi kkalkolata l-pensjoni.

36 Sentenza tal-10 ta' Mejju 2011, Römer (C-147/08, EU:C:2011:286, punt 19).

73. It-tieni nett, u b'mod iktar fundamentali, apparti l-klawżola ta' reviżjoni msemmija iktar 'il fuq, is-sentenza Römer tikkonċerna l-mod li bih regoli ġodda (id-Direttiva 2000/78) jistgħu japplikaw għas-*sitwazzjoni personali kurrenti* ta' individwu, sabiex tiġi eżaminata mill-ġdid *deċiżjoni fuq id-drittijiet għall-pensjoni tagħhom*.

74. Dan huwa, fl-opinjoni tiegħi, kompletament differenti mit-tip ta' applikazzjoni *ratione temporis* li l-appellant sostna f'din il-kawża. F'din il-kawża, dak li huwa propost ma huwiex it-teħid inkunsiderazzjoni (previst legalment) ta' ċirkustanzi personali għal aġġustament futur, iżda reviżjoni fid-dawl ta' dispożizzjonijiet ġodda ta' *sett magħluq ta' fatti* li seħħew ħafna snin ilu u *deċiżjoni dixxiplinari* meħuda fir-rigward tagħhom, bl-għan li jinbidlu l-effetti konsegwenzjali fuq id-drittijiet għall-pensjoni.

c) Eċċezzjonijiet għar-regola?

75. Huwa minnu li hemm sentenzi iżolati tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn id-deċiżjoni dwar l-għoti ta' pensjoni u l-fatti rilevanti kollha jidhru li seħħew qabel ir-regoli l-ġodda. Fi kliem ieħor, ittieħdet deċiżjoni li tagħti (jew le) pensjoni u dwar il-livell tal-intitolament, iżda apparentement jiġu invokati regoli ġodda sabiex din id-deċiżjoni tiġi eżaminata mill-ġdid, mingħajr ma kien hemm fatti ġodda jew kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi personali.

76. Madankollu, dawn is-sentenzi huma fil-prattika rari u, b'eżami iktar mill-qrib, dawn jistgħu jiġu distinti faċilment. Fis-sentenza P.[37] ir-rikorrenti kienet iddivorzjata minn uffiċjal tal-Kummissjoni. Meta l-uffiċjal miet, P. ma kellha l-ebda dritt għal pensjoni tas-superstiti għaliex il-"ħtija" għal divorzju ma kinitx tqegħdet biss fuq ir-raġel iddeċedut. Ftit xhur biss wara l-mewt, daħlu fis-seħħ regoli ġodda, skont liema P. *kieku kien ikollha* dritt għall-pensjoni tas-superstiti[38]. Il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament applikat ir-regoli l-ġodda, li ħolqu dritt għal P. għal pensjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk ir-regoli l-ġodda.

77. Fil-kawża P. kien hemm madankollu xi karatteristiċi partikolari. Il-Kummissjoni fil-fatt argumentat bil-qawwa favur l-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda (hija kkontestat il-ħlas ta' pensjoni għal raġunijiet oħra). Istituzzjonijiet oħra applikaw ir-regoli b'effett immedjat, u li kieku dan ma sarx, dan kien jirriżulta, skont il-Kummissjoni, f'diskriminazzjoni bejn l-uffiċjali. Barra minn hekk, id-deċiżjoni inizjali ta' ċaħda ta' pensjoni lil P. kienet fil-prattika meħuda xi jiem *wara* li r-regoli l-ġodda daħlu fis-seħħ (minkejja li l-mewt tal-ex raġel tagħha seħħet qabel).

78. Fil-kawża Brock, ir-rikorrent kien ingħata pensjoni ta' invaliditá fl-1958. Fl-1961 din ġiet ittrasformata f'pensjoni tax-xjuħija[39]. Il-kwistjoni essenzjalment kienet jekk japplikawx ir-regoli l-ġodda li jeħtieġu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kontribuzzjonijiet fi Stati Membri oħra u li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1964. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fl-affermattiv.

79. Fil-fehma tiegħi huwa sinjifikattiv li f'dak il-każ il-leġiżlazzjoni rilevanti inkludiet dispożizzjoni li *espliċitament ipprevediet reviżjoni tal-pensjonijiet li ġew ikkalkolati qabel id-dħul fis-seħħ* ta' din il-leġiżlazzjoni.

80. Madankollu, l-iktar element importanti li jiddistingwi l-kawżi P. u Brock minn din il-kawża huwa li d-deċiżjonijiet rilevanti f'dawn il-kawżi kienu jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-*kundizzjonijiet għall-għoti tal-pensjoni taħt id-dispożizzjonijiet legali ġodda*.

37 Sentenza tal-5 ta' Frar 1981, P. vs Il-Kummissjoni (40/79, EU:C:1981:32).

38 Essenzjalment, il-kundizzjoni li l-mejjet biss kellu l-ħtija tneħħiet u kundizzjoni ġdida, li *mhux* is-superstiti biss kellu ħtija, ħadet postha.

39 Sentenza tal-14 ta' April 1970, Brock (68/69, EU:C:1970:24).

81. Dan huwa ovvjament differenti mill-*evalwazzjoni ta' aġir fil-passat skont dispożizzjonijiet legali ġodda*, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' kemm kienu jkunu differenti deċiżjoni (dixxiplinari) u l-effetti konsegwenzjali tagħha fuq id-drittijiet għall-pensjoni sussegwenti.

82. B'hekk, pereżempju, fil-kawża P., id-divorzjata ma talbitx l-evalwazzjoni mill-ġdid tad-divorzju tagħha, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-ex raġel tagħha kienx unikament responsabbli. Fil-kawża Brock, il-parti li ġarrbet invalidità ma talbitx evalwazzjoni mill-ġdid taċ-ċirkustanzi tal-inċident tiegħu sabiex jiġi ddeterminat jekk jistax jiġi kklassifikat bħala inċident fuq il-post tax-xogħol. Kwalunkwe deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà għad-divorzju jew dwar l-inċident kienet finali, kif kienet finali wkoll id-deċiżjoni dixxiplinari f'din il-kawża ineżami.

83. Fi ftit kliem, sentenzi bħal P. u Brock tassew għandhom "togħma retroattiva iktar qawwija" mal-ewwel daqqa ta' għajn minn każijiet oħra, bħalma huma dawk diskussi iktar 'il fuq. Madankollu, minbarra l-fatt li huma każijiet relattivament qodma u iżolati, dawn is-sentenzi jistgħu jiġu distinti b'mod ċar minn din il-kawża. Fi kwalunkwe każ, fil-fehma tiegħi huwa ċar li tali sentenzi ma jistgħux jinqraw fis-sens li l-adozzjoni ta' kwalunkwe regoli ġodda tagħti lok għal dritt assolut li kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva sottostanti u preċedenti, li altrimenti tkun saret definittiva, tiġi rreveduta fid-dawl ta' dawn ir-regoli ġodda u sabiex isiru aġġustamenti korrispondenti għall-ħlas tal-pensjonijiet.

d) Dispożizzjonijiet tranżitorji

84. Fl-aħħar nett, linja ġurisprudenzjali oħra fil-kuntest tal-pensjoni li ta' min tiġi indirizzata tirrigwarda d-Direttiva 79/7/KEE[40]. Din id-direttiva titlob lill-Istati Membri jimplimentaw il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali. Bħala parti minn dan il-proċess, l-Istati Membri biddlu r-regoli nazzjonali dwar il-benefiċċji sabiex titneħħa d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess.

85. Dawn il-bidliet leġiżlattivi wasslu għal numru ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Sa fejn huwa rilevanti hawnhekk, il-kawżi kienu jikkonċernaw rikorrenti nisa li, fuq il-bażi ta' regoli nazzjonali diskriminatorji, kienu ġew irrifjutati benefiċċji tas-sigurtà soċjali minn deċiżjoni adottata *qabel it-terminu għat-traspożizzjoni* tad-Direttiva 79/7. Huma effettivament riedu jiksbu dawn il-benefiċċji *wara t-terminu għat-traspożizzjoni* billi jiġu applikati r-regoli mhux diskriminatorji ġodda.

86. Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja repetutament ikkonfermaw li l-effetti ta' diskriminazzjoni kellhom jitneħħew wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni. Madankollu, jekk jiġu eżaminati iktar mill-qrib, għal darba oħra, dawn il-kawżi huma differenti ħafna minn dik ineżami.

87. Pereżempju, fis-sentenza Borrie Clarke[41], il-liġi nazzjonali imponiet kundizzjoni addizzjonali fuq in-nisa meta japplikaw għal pensjoni tal-invalidità, meta mqabbla mal-irġiel (l-inabbiltà li jagħmlu x-xogħol tad-dar). Ir-rikorrenti ma kinitx tissodisfa din il-kundizzjoni addizzjonali u t-talba tagħha għal pensjoni ġiet miċħuda fl-1983. Sabiex tikkonforma mad-Direttiva 97/7, il-liġi nazzjonali sussegwentement inbidlet. Il-pensjoni tal-invalidità ġiet issostitwita b'allowance ta' diżabbiltà u ġew imposti kundizzjonijiet ġodda, li kienu l-istess għaż-żewġ sessi. Madankollu, bħala parti mit-tranżizzjoni, persuni li kienu ngħataw pensjonijiet tal-invalidità qabel il-liġi l-ġdida awtomatikament rċevew allowance ta' diżabbiltà mingħajr il-ħtieġa li jiġu ssodisfatti il-kundizzjonijiet il-ġodda. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji b'hekk effettivament affermaw mill-ġdid u pperpetwaw id-diskriminazzjoni.

40 Direttiva tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5,Vol. 1, p. 215).

41 Sentenza tal-24 ta' Ġunju 1987, Borrie Clarke (384/85, EU:C:1987:309).

88. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "jekk, mill-[iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni], raġel fl-istess pożizzjoni bħal mara kien awtomatikament intitolat għal allowance għal diżabbiltà severa ġdida taħt id-dispożizzjonijiet tranżitorji msemmijin mingħajr ma jkollu għalfejn jistabbilixxi d-drittijiet tiegħu mill-ġdid, mara kienet intitolata wkoll għal din l-allowance mingħajr ma jkollha għalfejn tissodisfa kundizzjoni addizzjonali applikabbli qabel dik id-data esklużivament għal nisa miżżewġa" [42].

89. Fil-fehma tiegħi, is-sitwazzjoni fis-sentenza Borrie Clarke hija simili għal kawżi oħra dwar il-pensjonijiet diġà diskussi iktar 'il fuq fit-Taqsima (a). Id-dispożizzjonijiet tranżitorji effettivament kienu jikkostitwixxu applikazzjoni ġdida (jew tal-inqas tiġdid tad-deċiżjoni mgħoddija skont il-liġi l-ġdida) tar-regoli diskriminatorji għall-futur. B'riżultat ta' dan, din il-linja ta' ġurisprudenza wkoll tista' tiġi distinta b'mod ċar mill-kawża ineżami.

90. L-istess tip ta' sitwazzjoni tista' tiġi identifikata f'sentenzi oħrajn, għalkemm relatati ma' tipi differenti ta' benefiċċji [43].

3. Relazzjonijiet li għadhom għaddejjin

91. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni rreferiet ukoll għall-kawża Österreicher Gewerkschaftsbund [44] billi għamlet xebh mad-diskriminazzjoni li għadha għaddejja rigward il-ħlas tas-salarji mensili. Dan jaqbel mal-argumenti tal-appellant, li repetutament jirreferi għad-diskriminazzjoni li għadha għaddejja fil-forma ta' ħlasijiet tal-pensjoni mnaqqsa, li jsiru fuq bażi regolari.

92. Sa fejn ir-riferiment għal din il-ġurisprudenza jista' jiġi kkunsidrat bħala li jappoġġja argument differenti minn dak eżaminat fit-taqsima preċedenti, ma narax kif dan jista' jgħin il-pretensjonijiet magħmula mill-appellant. Fil-fehma tiegħi, din il-ġurisprudenza hija, għal darba oħra, sempliċiment differenti.

93. Fil-kawża Österreicher Gewerkschaftsbund [45], għall-finijiet tal-kalkolu tal-pagi għal għalliema b'kuntratt, id-dritt Awstrijak kien jikkunsidra kompletament l-esperjenza preċedenti fit-tagħlim miksuba fl-Awstrija. Esperjenza fit-tagħlim fi Stati Membri oħra kienet tiġi kkunsidrata biss b'mod limitat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-limitazzjoni kienet tmur kontra l-moviment liberu tal-ħaddiema. Hija ddeċidiet ukoll li, sabiex tirrimedja d-diskriminazzjoni, l-esperjenza ta' tagħlim fi Stati Membri oħra kellha tiġi kkunsidrata kompletament, anki jekk din inkisbet *qabel l-adeżjoni tal-Awstrija*.

94. Is-sentenza Österreicher Gewerkschaftsbund hija fil-fatt waħda minn numru ta' sentenzi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament iddeċidiet li, f'relazzjonijiet ta' impjieg, fatti preċedenti għad-dħul fis-seħħ ta' regoli ġodda jista' jkun hemm bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-paga għall-impjegati jekk huma rilevanti għal din l-evalwazzjoni taħt l-ordinament ġuridiku ġdid [46]. B'hekk, pereżempju, f'serje ta' kawżi li jibdew bis-sentenza Hütter, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regoli Awstrijaċi li kienu jqisu l-esperjenza professjonali miksuba qabel l-età ta' 18-il sena fl-iffissar

42 Sentenza tal-24 ta' Ġunju 1987, Borrie Clarke (384/85, EU:C:1987:309, punt 12).

43 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 1988, Dik *et* (80/87, EU:C:1988:133).

44 Sentenza tat-30 ta' Novembru 2000, Österreichischer Gewerkschaftsbund (C-195/98, EU:C:2000:655).

45 Sentenza tat-30 ta' Novembru 2000, Österreichischer Gewerkschaftsbund (C-195/98, EU:C:2000:655).

46 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513); tas-26 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-371/04, EU:C:2006:668), u tat-18 ta' Ġunju 2009, Hütter (C-88/08, EU:C:2009:381).

tal-gradi tal-paga tal-uffiċjali tas-servizz pubbliku kienu jiksru l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età skont id-Direttiva 2000/78[47]. Il-gradi ta' ħlas kellhom jiġu aġġustati sabiex titneħħa d-diskriminazzjoni, inkluż fejn l-esperjenza rilevanti kienet miksuba qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva.

95. Fil-fehma tiegħi ma huwiex possibbli li jsir paragun dirett bejn każijiet bħal dawn, li jinvolvu aġġustamenti tas-salarji sabiex jinstab rimedju għad-diskriminazzjoni u każijiet bħal dan inkwistjoni għal raġuni sempliċi: ir-relazzjoni ta' impjieg f'każijiet bħal Österreicher Gewerkschaftsbund kienet waħda li kienet *għaddejja*, bi drittijiet u obbligi reċiproċi attwali. L-impjegat għandu grad jew pożizzjoni u numru speċifiku ta' snin ta' esperjenza rilevanti, li jintużaw kull xahar bħala bażi għall-kalkolu tas-salarju tiegħu. Għaldaqstant, hemm "tiġdid" kull xahar, jiġifieri applikazzjoni mġedda tal-liġijiet eżistenti għall-finijiet ta' kalkoli ta' salarju xieraq, li jeħtieġ aġġustamenti kontinwi fid-dawl ta' liġi ġdida u ta' tibdil fis-sitwazzjoni personali[48]. Dan huwa tabilħaqq f'ċertu mod simili għax-xenarju fil-kawża Römer, fejn dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi dwar bidla fis-sitwazzjoni personali tar-rikorrent ippermettew "tiġdid" simili[49].

96. B'kuntrast, f'każijiet bħal dan ineżami, ir-relazzjoni tal-impjieg kienet intemmet[50], id-drittijiet għall-pensjoni kollha kienu ġew akkumulati ferm qabel dak iż-żmien u deċiżjoni dixxiplinari fuq it-tnaqqis ta' 25 % kienet ittieħdet fl-1975 fuq il-bażi ta' avvenimenti fil-passat u saret definittiva. L-effetti prattiċi ta' din id-deċiżjoni għadhom jinħassu, kif jista' jkun il-każ għal kwalunkwe u kull avveniment li seħħ fil-passat, iżda ma għadx hemmx relazzjoni li għadha għaddejja li tkun teħtieġ evalwazzjoni (mill-ġdid) taħt il-liġi l-ġdida. Ma hemm l-ebda fatti tal-passat kontinwament rilevanti. F'dan is-sens, l-effetti ġuridiċi ta' fatti tal-passat tassew ġew eżawriti.

4. Il-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet tal-passat

97. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi pprovduta stampa kompluta, ta' min iżid li hemm ukoll, skont id-dritt tal-Unjoni, minbarra r-regoli dwar l-applikabilità *ratione temporis* ta' regoli ġodda għal fatti tal-passat u/jew għal relazzjonijiet legali li jkunu għadhom għaddejjin, id-dmir limitat tal-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet tal-passat jekk ikunu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

98. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza l-importanza tal-prinċipju ta' *res judicata* għal raġunijiet tal-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet legali, kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Deċiżjonijiet li jkunu saru finali wara li jkunu ġew eżawriti d-drittijiet kollha ta' appell jew wara li jiskadu t-termini previsti f'dan ir-rigward ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati iktar[51]. Dan huwa minnu anki meta, jekk isir dan, qorti nazzjonali tkun tista' tirrimedja ksur tad-dritt tal-Unjoni bid-deċiżjoni inkwistjoni[52].

47 Sentenzi tat-18 ta' Ġunju 2009, Hütter (C-88/08, EU:C:2009:381); tat-28 ta' Jannar 2015, Starjakob (C-417/13, EU:C:2015:38), u tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180).

48 Jekk wieħed isegwi għal darba oħra r-regoli ġenerali li l-kontenut speċifiku tad-drittijiet u l-obbligi reċiproċi f'relazzjonijiet legali li għadhom għaddejjin, bħal pereżempju kuntratti konklużi taħt ir-reġim legali preċedenti, ikollhom jiġu *prospettivament* immodifikati sabiex jikkonformaw mal-liġi l-ġdida - ara iktar, pereżempju, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Nemec (C-256/15, EU:C:2016:619, point 41).

49 Iktar 'il fuq, punti 67 sa 74.

50 Id-digriet tar-rinviju jispjega li, teknikament, ir-"relazzjoni ta' impjieg fis-servizz" kienet inbidliet f'"relazzjoni ta' impjieg b'pensjoni". Il-punt huwa li l-uffiċjal tas-servizz pubbliku ma kienx għadu fis-servizz.

51 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, EU:C:2015:742, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269, punti 46 u 47), u tas-16 ta' Marzu 2006, Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178, punt 21).

99. Huwa veru li deċiżjonijiet finali jistgħu jerġgħu jinfetħu, iżda dan huwa l-każ biss jekk ikun hemm ċirkustanzi tassew eċċezzjonali. Dawn iċ-ċirkustanzi jinkludu l-fatt li d-dritt tal-Unjoni ġie interpretat b'mod żbaljat, mingħajr ma tkun saret talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, u li l-persuna kkonċernata tkun ilmentat lill-korp amministrattiv hekk kif saret taf b'din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [53].

100. Madankollu, indipendentement mill-kwistjoni dwar fejn eżattament ikun il-limitu ta' "eċċezzjonalità", id-denominatur komuni għal dawk il-ftit każijiet fejn tali obbligu kien impost kien naturalment li l-inkompatibbiltà *kienet diġà teżisti* fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni fuq livell nazzjonali. B'hekk, id-deċiżjoni oriġinali kienet diġà tikser id-dritt tal-Unjoni.

101. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, fiż-żmien meta ġew adottati d-deċiżjonijiet rilevanti (kemm id-deċiżjoni dixxiplinari kif ukoll id-deċiżjoni li tat pensjoni lill-appellant) l-Awstrija ma kinitx Stat Membru, u d-Direttiva 2000/78 kienet għadha ma ġietx adottata. Barra minn hekk, skont il-Gvern Awstrijak, fehma li l-appellant ma jikkontradixxix, id-deċiżjoni dixxiplinari kienet kompatibbli mal-liġi nazzjonali meta ġiet adottata fl-1974.

102. Għalhekk ma hemm l-ebda ċirkustanza eċċezzjonali li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet amministrattivi finali f'dan il-każ, u inqas u inqas li tista' tiġġustifika regola iktar ġenerali u estensiva dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* tad-dritt tal-Unjoni mmirata sabiex jinkiseb l-istess riżultat.

5. Applikazzjoni għal din il-kawża

103. Il-konklużjonijiet ewlenin li jiena nislet mid-diversi linji ta' ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq huma dawn li ġejjin.

104. L-ewwel nett, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effetti *ratione temporis* ta' liġi ġdida fuq drittijiet għall-pensjoni hija ffukata ferm fuq sitwazzjonijiet fejn l-intitolament għall-pensjoni ġie deċiż *wara* li daħlet fis-seħħ il-liġi l-ġdida.

105. It-tieni nett, il-ġurisprudenza dwar relazzjonijiet (ta' impjiegi) li għadhom għaddejjin u l-aġġustament tal-gradi tal-pagi u s-salarji mensili ma tistax tiġi trasposta għall-ħlas ta' pensjonijiet, ikkalkolati u diġà mħallsa (ferm) qabel daħlet fis-seħħ il-liġi l-ġdida.

106. It-tielet nett, ma hemmx bażi soda fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-proposta estensiva li l-effetti li jibqgħu għaddejjin fuq il-ħlasijiet tal-pensjoni ta' deċiżjonijiet amministrattivi, li saru definittivi *qabel* id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida, għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid, filwaqt li jitiqies il-mod kif il-liġi l-ġdida kienet tkun applikata. Barra minn hekk, proposta bħal din tmur kontra ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-*res judicata*.

107. Jien diġà pprovajt niddistingwi din il-kawża u nispjega għaliex ma taqax taħt xi waħda minn dawk il-kategoriji f'kull waħda mit-taqsimiet rilevanti ta' hawn fuq. Fi ftit kliem, nikkunsidra li f'din il-kawża l-irtirar obbligatorju u l-iffissar ta' drittijiet għall-pensjoni mnaqqsa kienu diġà saru "sitwazzjoni definittiva" fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fil-punt 46 qabel ma skada l-perijodu tranżitorju tad-Direttiva 2000/78. Il-ħlas li għadu jsir ta' pensjoni lill-appellant ma jistax jitqies bħala "effetti futuri" ta' sitwazzjoni li qamet qabel din id-direttiva, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'tali mod li l-imsemmija effetti għandhom ikunu preklużi jew immodifikati.

53 Dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali huma kkunsidrati fis-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2004, Kühne & Heitz (C-453/00, EU:C:2004:17, punt 28), u tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini (C-119/05, EU:C:2007:434, punt 63).

108. Id-deċiżjoni dixxiplinari kienet diġà ġiet appellata mingħajr suċċess fis-snin sebgħin. Il-kwistjoni legali tal-istatus tal-appellant bħala uffiċjal tal-pulizija rtirat u t-tnaqqis tal-pensjoni tiegħu kienu ġew irregolati sa dak iż-żmien. L-appellant ilu jieħu l-pensjoni tiegħu mill-1976. Ma hemm l-ebda deċiżjoni ġdida li ttieħdet jew li jkollha tittieħed wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/78.

109. Barra minn hekk, il-fatti kollha rilevanti f'dan il-każ, li kienu l-bażi tad-deċiżjoni dixxiplinari, seħħew fis-snin sebgħin. Għaldaqstant, b'differenza minn dak li ġara fil-kawża Römer, bħalissa ma jeżistu l-ebda fatti marbuta mas-sitwazzjoni personali li għadha għaddejja tal-appellant li huma suġġetti għal evalwazzjoni mill-ġdid skont id-Direttiva 2000/78.

110. Ma nqisx li sentenzi bħal Brock u P. jistgħu jservu bħala bażi għall-proposta ġenerali li hemm dritt għal reviżjoni tal-ħlasijiet tal-pensjoni, li jikkonsisti f'applikazzjoni retroattiva ta' regoli ġodda għal deċiżjoni li kienet teżisti preċedentement li taffettwa l-intitolament għal dawn il-ħlasijiet u l-livell tagħhom. Barra minn hekk, is-sentenzi Brock u P., fil-fehma tiegħi, huma differenti ħafna minn din il-kawża. F'dawn iż-żewġ kawżi d-deċiżjoni amministrattiva li kienet diġà teżisti ttieħdet b'applikazzjoni ta' għadd ta' kundizzjonijiet pjuttost speċifiċi u oġġettivi fir-rigward tal-intitolament għall-pensjoni u tal-livell tagħha. Dak jikkuntrasta mal-kawża preżenti, fejn dak li qed jiġi propost huwa effettivament repetizzjoni ta' proċedura dixxiplinari minn 40 snin ilu fid-dawl ta' regoli ġodda dwar id-diskriminazzjoni u evalwazzjoni kwalitattiva ta' jekk u kif dik id-deċiżjoni kinitx tinbidel.

111. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-appellant insista fuq in-natura li "għadha għaddejja" tad-diskriminazzjoni fil-forma ta' pagamenti fix-xahar mnaqqsa. Madankollu, mid-diskussjoni tal-każijiet dwar relazzjonijiet legali li attwalment għadhom għaddejjin u dwar il-ħtieġa tal-aġġustament gradwali tagħhom fid-dawl tar-regoli l-ġodda, bħas-sentenzi Österreicher Gewerkschaftsbund jew Römer, huwa ċar li s-sempliċi fatt li jiġi rċevut pagament kull xahar abbażi ta' deċiżjonijiet finali mill-1975 u mill-1976 ma jeħtieġ l-ebda evalwazzjoni ġdida ta' xi fatt rilevanti.

112. Dak li fil-fatt huwa mitlub f'din il-kawża hija evalwazzjoni ġdida ta' deċiżjoni dixxiplinari finali sottostanti, bl-applikazzjoni ta' standards ġodda ta' nondiskriminazzjoni għad-determinazzjoni tal-effetti konsegwenzjali fuq il-pagamenti tal-pensjoni ta' kull xahar. In-natura vera ta' dak li qiegħed jiġi mitlub hija forsi deskritta l-aħjar mill-kliem Ġermaniż tal-aħħar sentenza tal-ewwel domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, li tirreferi għall-adozzjoni ta' tip ġdid ta' deċiżjoni "gedachte" li, kieku kellha tiġi adottata fiż-żmien meta d-Direttiva 2000/78 kienet fis-seħħ, kienet tikser din id-direttiva. "Gedachte" tista' tabilħaqq tiġi tradotta bħala "nozzjonali", iżda t-tifsira vera tagħha fil-kuntest attwali hija pjuttost (kompletament) "immaġinarja".

113. Fil-fehma tiegħi, f'każ bħal dan ineżami, huwa ċar li d-dritt tal-Unjoni ma jagħtix lill-individwi dritt li jitolbu r-reviżjoni, fid-dawl ta' kwalunkwe liġi ġdida, ta' kull deċiżjoni amministrattiva meħuda fir-rigward tagħhom matul ħajjithom, u li għandha jew li seta' kellha impatt negattiv fuq il-pensjoni tagħhom (jew benefiċċji oħra). Ma hemm sempliċiment l-ebda bażi fid-dritt tal-Unjoni għal proposta daqshekk wiesgħa.

114. Fl-aħħar nett, sabiex jingħata kreditu sħiħ lill-argumenti mressqa mill-appellanti, hemm, parzjalment marbuta ma' xulxin iżda wkoll parzjalment indipendenti mill-argument "tekniku" dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* ta' regoli ġodda, l-argument *morali* ferm iktar profond preżenti fis-sottomissjonijiet magħmula mill-appellant. Jekk jitqies separatament, kif fil-fatt issuġġerit mill-appellanti matul is-seduta, dan l-argument morali isir fil-biċċa l-kbira indipendenti minn kwalunkwe reviżjoni ta' deċiżjoni dixxiplinari mill-1975. Dak li l-Awstrija imbagħad tiġi kkritikat għalih ma jkunx in-nuqqas li tirrevedi l-imgħoddi, imma n-nuqqas sabiex b'mod attiv u b'mod prospettiv tikkumpensa għall-aġir ħażin tal-passat, wara l-2003, meta d-Direttiva 2000/78 kienet diġà fis-seħħ u sentenzi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienu ngħataw kontra

l-Awstrija [54].

115. F'dan ir-rigward, nerġa' ngħid sempliċement li ma nara l-ebda tali obbligu li jirriżulta bħala *kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni*. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78, li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jadottaw sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi huwa loġikament marbut mal-applikabbiltà *ratione temporis* tal-istess direttiva.

116. Barra minn hekk, deċiżjonijiet amministrattivi huma adottati f'kuntesti speċifiċi għaż-żmien tagħhom. L-oqfsa kriminali, dixxiplinari u morali fl-Awstrija, kif ukoll fi bnadi oħra fl-Ewropa, inibdlu b'mod kunsiderevoli mill-1975 lil hawn. Għalhekk, pereżempju, fl-Awstrija, sanzjonijiet dixxiplinari issa jiġu imposti biss fuq uffiċjali tal-pulizija li l-atti tagħhom jimminaw il-kunfidenza pubblika fil-pulizija. Madankollu, kundanni kriminali jwasslu għal tkeċċija awtomatika, u għandi nifhem mingħajr ebda dritt għal pensjoni. L-età tal-kunsens fl-Awstrija issa hija ta' 14-il sena kemm għal persuni omosesswali u kemm għal persuni eterosesswali. Madankollu, hemm ukoll eċċezzjonijiet espliċiti għal tfal taħt l-età ta' 16-il sena li huma kkunsidrati bħala mhux maturi biżżejjed.

117. Fi ftit kliem, il-moralità hija bersall li jiċċaqlaq. Barra minn hekk, l-argumenti morali ħafna drabi jkollhom vantaġġi u żvantaġġi. F'każijiet fattwalment kumplessi, li jinvolvu l-ħtieġa li jingħataw sentenzi morali multipli, bħal dan ineżami, huma jistgħu jkollhom żewġ aspetti. B'hekk, apparti minn sitwazzjonijiet estremi ta' nuqqas ta' rispett ovvju u sfaċċat għall-valuri bażiċi tal-umanità, li jista' jingħad li jiskatta l-obbligu morali sabiex jiġu rrimedjati l-inġustizzji tal-passat irrispettivament miż-żmien [55], is-soċjetajiet u l-liġijiet tagħhom għandhom jitħallew jevolvu gradwalment, bl-imgħoddi jibqa' l-imgħoddi.

6. Konklużjoni dwar l-ewwel domanda

118. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju tkun kif ġej:

L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78 ma jipprekludix iż-żamma tal-pożizzjoni legali maħluqa permezz ta' deċiżjoni amministrattiva, li saret finali skont id-dritt nazzjonali, fil-qasam tal-liġi li tirregola azzjoni dixxiplinari fis-servizz pubbliku (deċiżjoni dixxiplinari), li tirtira obbligatorjament u li t-tnaqqas il-benefiċċji tal-pensjoni ta' uffiċjal fis-servizz pubbliku, f'sitwazzjoni

– fejn din id-deċiżjoni amministrattiva ma kinitx għadha suġġetta għal dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-Direttiva 2000/78, fil-mument meta ġiet adottata, iżda

– deċiżjoni (ipotetika) fl-istess sens kienet tikser id-Direttiva 2000/78 li kieku kellha tiġi adottata fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' din id-direttiva.

B. Fuq it-tieni u t-tielet domanda

119. Fid-dawl tar-risposta proposta għall-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju, ma hemmx ħtieġa li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tasal għal konklużjoni differenti, ser inqis fil-qosor dawn id-domandi iktar 'l isfel.

54 Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

55 Meta jintlaħaq tali grad ta' tensjoni insopportabbli bejn il-ġustizzja u ċ-ċertezza legali din tal-aħħar trid iċċedi għal tal-ewwel u l-liġi proposta (żbaljata) inkwistjoni ddikjarata *ex post* ineżistenti – Gustav Radbruch, Gesetzliches Unrecht und übergesetzliches Recht, *Süddeutsche Juristen-Zeitung*, 1946, volum 1, ħarġa 5, paġni 105 sa 108.

120. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-effetti tad-deċiżjoni dixxiplinari diskriminatorji ma jistgħux jinżammu, il-kwistjoni mbagħad issir preċiżament xi jfisser li "ma jinżammux dawn l-effetti" f'każ bħal dak ineżami.

121. Sakemm ir-risposta għal din id-domanda ma tinqatax mid-deċiżjonijiet meħuda fis-sebgħinijiet, li jiddikjaraw, b'mod simili għal dak li għadu kif ġie diskuss fir-rigward tad-dmir attiv u prospettiv sabiex jingħata kumpens (preżumibbilment bi ħlasijiet ta' somma f'daqqa), il-qorti nazzjonali jkollha bżonn tikkunsidra l-kontenut tad-deċiżjoni dixxiplinari sabiex tara jekk kinitx ġiet adottata b'mod li jkun kompatibbli mad-Direttiva 2000/78, u d-data li minnha dik id-deċiżjoni immaġinarja ġdida tkun applikabbli. Nagħmel riferiment għal dan iktar 'il quddiem bħala l-approċċ "li kieku?".

122. Fil-fehma tiegħi, ir-rikostruzzjoni ta' deċiżjoni ta' 40 sena ilu u l-effetti tagħha hija problematika ħafna. Madankollu, il-qorti tar-rinviju hija pjuttost speċifika fit-tieni u fit-tielet domanda, partikolarment dwar il-"linji tat-trama" f'tali xogħol ta' finzjoni ġuridika. Bħala riżultat, sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma tgħidx sempliċiment li "l-effetti ma jistgħux jinżammu" u tħalli f'idejn il-qorti nazzjonali sabiex tiddeċiedi kif jiġu identifikati u "nnewtralizzati" dawn l-effetti, il-Qorti tal-Ġustizzja inevitabbilment issir il-koawtur tagħhom. Ser nippreżenta hawnhekk xi kunsiderazzjonijiet dwar kif tista' tiżvolġi l-istorja.

1. It-tieni domanda

123. Id-deċiżjoni dixxiplinari poġġiet lill-appellant f'irtirar kmieni u naqqset id-drittijiet tiegħu għall-pensjoni b'25 %. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sabiex tirrimedja d-diskriminazzjoni inerenti fid-deċiżjoni amministrattiva, huwiex biżżejjed li jitwarrab il-25 % tnaqqis fil-pensjoni jew jekk il-pensjoni għandhiex tkun ikkalkolata bħallikieku l-appellant kien ħadem fil-perijodu wara l-irtirar obbligatorju tiegħu. Huwa biżżejjed li jiġu nnewtralizzati l-effetti futuri *tat-tnaqqis ta' 25* % jew huwa neċessarju wkoll li jiġu nnewtralizzati l-effetti futuri ta' *rtirar obbligatorju bikri*?

124. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-appellant isostni li t-tnaqqis ta' 25 % għandu jiġi annullat għal kollox u d-drittijiet għall-pensjoni tiegħu għandhom jiġu kkalkolati daqslikieku kien ħadem matul il-perijodu fl-intervall fil-korp tal-pulizija. Fi kliem ieħor, li tinħoloq is-sitwazzjoni li kienet teżisti kieku d-deċiżjoni dixxiplinari qatt ma ġiet adottata (jew l-ebda sanzjoni qatt ma ġiet imposta).

125. Il-Kummissjoni tipproponi approċċ "li kieku?" biss fir-rigward tat-tnaqqis ta' 25 %, billi tirrikonoxxi li anki mingħajr ebda preġudizzju omofobiku, seta' kien hemm tnaqqis tal-pensjoni tal-appellant bħala sanzjoni għall-imġiba tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tqis li ma huwiex xieraq l-approċċ "li kieku?" għall-irtirar innifsu. It-tnaqqis fil-pensjoni li jirriżulta mill-irtirar kmieni ma huwiex fil-fatt "effett futur" ta' sitwazzjoni li tkun qamet fil-passat u li għalih għandhom japplikaw regoli l-ġodda. L-effetti legali tal-irtirar kienu, fil-fehma tal-Kummissjoni, eżawriti meta r-relazzjoni tal-impjieg ġiet fi tmiemha. Għal din ir-raġuni, l-effetti li jikkonsistu f'assenza ta' żieda fid-drittijiet għall-pensjoni, li rriżultat minn irtirar kmieni, jistgħu jinżammu.

126. Nagħmel dawn l-osservazzjonijiet li ġejjin.

127. Li kieku d-deċiżjoni dixxiplinari, fl-1975, ġiet adottata b'tali mod li *kienet* kompatibbli mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali introdotta fl-2000, ma huwiex ċar jekk l-appellant kienx ser ikun imġiegħel jirtira. Fil-fatt, in-natura "inkomparabbilment inqas iebsa" tas-sanzjoni [56] msemmija mill-qorti tar-rinviju tista' tinftiehem ukoll bħala li tissuġġerixxi li l-appellant ma kienx ser jiġi mġiegħel jirtira.

56 Diskussa iktar 'il fuq fil-punt 41.

128. Jekk dan huwa l-każ, mela skont ir-risposta għall-ewwel domanda, l-"effetti futuri ta' rtirar obbligatorju bikri" ma jkunux jistgħu jinżammu. Dawn l-effetti żgur jinkludu l-fatt li l-appellant ma baqax jaħdem fil-korp tal-pulizija, ma baqax jakkumula benefiċċji tal-pensjoni u ma kellux dawn is-"snin mitlufa" meħuda inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-pensjoni tiegħu. F'dan is-sens, l-effetti ta' din is-sanzjoni verament "għadhom għaddejjin". In-newtralizzazzjoni tal-effetti futuri ta' rtirar obbligatorju bikri għandha għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni (b'xi mod) dawn is-snin mitlufa.

129. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-konklużjoni. Hija tikkunsidra li l-effetti li ma wasslu għal ebda żieda fid-drittijiet għall-pensjoni, li rriżultaw minn irtirar kmieni, jistgħu jinżammu.

130. Nammetti li nsib impossibbli li nirrikonċilja r-raġunament tal-Kummissjoni fuq dan il-punt mal-pożizzjoni tagħha li t-tnaqqis ta' 25 % impost mid-deċiżjoni dixxiplinari fil-fatt *jikkostitwixxi* "effetti futuri", fis-sens iċċitat iktar 'il fuq. Iż-żewġ sanzjonijiet – l-irtirar forzat u t-tnaqqis ta' 25 % – kienu imposti fuq il-bażi tal-istess sett ta' fatti u mill-istess deċiżjoni dixxiplinari. Fiż-żewġ każijiet, il-kwistjoni ta' prinċipju hija x'kienu jkunu l-effetti tad-deċiżjoni dixxiplinari kieku ġiet adottata b'mod li huwa kompatibbli mad-Direttiva 2000/78.

131. Fil-fatt, li kieku kellha tiġi adottata d-distinzjoni tal-Kummissjoni bejn effetti differenti, dan ikun jimplika li l-appellant effettivament seta' tkeċċa mill-impjieg tiegħu u ma kien ikollu l-ebda rimedju għal kwalunkwe kontestazzjoni potenzjali. Għall-kuntrarju tal-irtirar, tkeċċija assoluta, bħala prinċipju, kienet iġġib fi tmiem ir-relazzjoni legali mingħajr l-ebda effetti li jibqgħu għaddejjin fil-forma ta' pagamenti tal-pensjoni.

132. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkonkludi li l-effetti tad-deċiżjoni dixxiplinari diskriminatorja ma jistgħux jinżammu u jiġi adottat l-approċċ "li kieku?", dan l-approċċ għandu jikkontempla storja alternattiva fejn l-appellanti ma jirtirax kif ukoll oħra fejn it-tnaqqis ta' 25 % fil-pensjoni tal-appellant ma huwiex applikat (kompletament).

133. Ninnota li tali konklużjoni ovvjament tqajjem sensiela ta' mistoqsijiet ikkumplikati ulterjuri. Sabiex jiġu nnewtralizzati l-"effetti futuri" tal-irtirar obbligatorju fl-1976, għandu jiġi preżunt li l-appellant ħadem fis-snin kollha li għaddew mill-1976 lil hawn, jew fis-snin kollha mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/78 lil hawn? Kull żieda korrispondenti fil-pensjoni għandha tiġi paċuta minn dħul ta' pensjoni minn sorsi oħra ta' xogħol mill-appellant f'dawk is-snin [57]? Għandha kwalunkwe żieda korrispondenti tal-pensjoni tiġi paċuta minn dħul minn pensjoni tal-korp tal-pulizija li diġà rċieva l-appellant mid-data tal-irtirar obbligatorju tiegħu (li huwa ovvjament ma kienx jirċievi li kieku baqa' jaħdem) [58]?

134. Fl-aħħar nett, fir-rigward speċifikament tat-tnaqqis ta' 25 %, it-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju impliċitament tieħu bħala premessa li dan it-tnaqqis huwa għal kollox konsegwenza tan-natura diskriminatorja ta' din id-deċiżjoni.

135. Madankollu, "li kieku?" għandu fil-verità jfisser "li kieku?". Għalhekk, għandha tiġi prevista l-possibbiltà li, anki fl-assenza ta' kundanna kriminali, l-appellant xorta waħda jiġi ssanzjonat fil-kuntest tal-proċedura dixxiplinari bbażata fuq l-istess sett ta' fatti [59], u l-pensjoni tal-appellant xorta kienet titnaqqas, iżda b'inqas minn 25 %. Dan huwa fil-fatt l-approċċ li ħadet il-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha. B'hekk, jekk fin-nuqqas ta' diskriminazzjoni l-appellant xorta kien ikollu l-pensjoni tiegħu mnaqqsa, imma, pereżempju b'5 jew b'10 %, allura l-effetti ta' dan it-tnaqqis ta' 5 jew 10 % għandhom jibqgħu.

57 Kien ikkonfermat fis-sottomissjonijiet bil-miktub u waqt is-seduta li wara li telaq mill-korp tal-pulizija, l-appellant kien impjegat fis-settur privat u għal dan jirċievi pensjoni.

58 Kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, l-appellant ilu jirċievi pensjoni mill-korp tal-pulizija sa mill-irtirar forzat tiegħu fl-1976.

59 Ara l-punt 42 iktar 'il fuq, u s-sottomissjonijiet tal-Gvern Awstrijak fis-sens li uffiċjal tal-pulizija li jitlob laqgħat sesswali ma' minuri jkun issanzjonat fi proċeduri dixxiplinari *irrispettivament mill-orjentament sesswali* tal-atturi involuti.

136. Għalhekk, li kieku kellu jitħaddan l-approċċ "li kieku?" fir-rigward tat-tnaqqis ta' 25 %, naqbel mal-Kummissjoni li l-finzjoni trid tittieħed sal-konklużjoni loġika tagħha. Għal darba oħra, kif eżattament id-deċiżjoni dixxiplinari kienet tkun differenti kieku kienet ġiet adottata b'mod mhux diskriminatorju hija kwistjoni (fil-fatt pjuttost diffiċli) li għandha tittratta l-qorti nazzjonali.

2. It-tielet domanda

137. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-risposta għat-tieni domanda tiddependix minn jekk il-persuna attivament fittxitx impjieg fis-servizz pubbliku federali qabel ma laħqet l-età tal-irtirar.

138. Ikolli nammetti li jiena perpless dwar ir-rilevanza ta' domanda bħal din fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali. Imma, peress li aħna diġà qegħdin nittrattaw xenarji "li kieku?", huwa pjuttost diffiċli li ngħidu li tali domanda hija ipotetika.

139. Il-fatti ta' din il-kawża huma siekta dwar il-kwistjoni jekk l-appellant effettivament qattx ipprova jfittex impjieg (mill-ġdid) fis-servizz pubbliku federali. Forsi huwa raġonevoli li wieħed jassumi li jekk persuna kienet tkeċċiet minn dan is-servizz f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, li jipprova jerġa' jissieħeb fl-istess servizz kien ikun pjuttost inutli (jekk dan qatt kien legalment possibbli). Jekk dan huwa effettivament il-każ u l-appellant ma kienx fittex iktar tard impjieg mill-ġdid fis-servizz pubbliku federali, x'konklużjonijiet jista' wieħed jiġbed minn dan il-fatt? L-appellant jista' jiġi kkritikat talli ma għamilx dan? Imbagħad, minħabba f'hekk, jista' jitqiegħed fi żvantaġġ potenzjali?

140. Madankollu, nixtieq inżid ngħid li, kif ġie innotat iktar 'il fuq fil-punt 133, sa fejn l-effetti tal-irtirar obbligatorju bikri għandhom jiġu nnewtralizzati, dan iqajjem serje ta' mistoqsijiet dwar kif għandu jiġi ttrattat il-perijodu tal-intervall. Fil-kostruzzjoni tal-istorja alternattiva, fil-fehma tiegħi hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina liema dettalji speċifiċi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, sabiex jinstab bilanċ bejn, minn naħa, li jiġu injorati għal kollox dawn is-snin fl-intervall u, min-naħa l-oħra, jittieħdu inkunsiderazzjoni għal kollox daqslikieku l-appellant kien ħadem fis-settur pubbliku f'dak iż-żmien.

C. Ir-raba' u l-ħames domanda

141. Fid-dawl tar-risposta proposta għall-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju, lanqas ma huwa meħtieġ li tingħata risposta għar-raba' u għall-ħames domanda. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tasal għal konklużjoni differenti, jiena se inżid xi suġġerimenti.

142. Permezz tar-raba' u tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi minn liema mument l-annullament (parzjali) eventwali ta' tnaqqis ta' 25 % għandu jieħu effett. Dawn id-domandi huma limitati għall-mument li minnu l-effetti tat-tnaqqis ta' 25 % jridu jkunu nnewtralizzati. Dawn id-domandi ma jkoprux l-effetti tal-irtirar kmieni obbligatorju. Madankollu, kif intqal iktar 'il fuq fil-punt 133, jiena nqis li approċċ differenti għall-effetti futuri tat-tnaqqis ta' 25 % u l-effetti futuri ta' rtirar obbligatorju jqajjem problemi ta' inkonsistenza.

143. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda tirriżulta mill-ġurisprudenza ppreżentata fil-qosor iktar 'il fuq fil-punti 44 *et seq*. Huwa ttamat li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 xorta tkun – minkejja l-approċċ potenzjalment estensiv għall-eliminazzjoni tal-effetti futuri diskussi iktar 'il fuq – suġġetta għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività. Għalhekk, irrispettivament mir-risposta għall-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju, din tista' f'kull każ tintuża bħala bażi sabiex isir l-argument li l-effetti tat-tnaqqis ta' 25 % għandhom ikunu nnewtralizzati mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, u mhux iktar kmieni.

D. Diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess

1. Il-portata tad-domandi tal-qorti tar-rinviju

144. Fl-aħħar nett, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, l-appellant argumenta li s-sanzjoni imposta permezz tad-deċiżjoni dixxiplinari ammontat (ukoll) għal diskriminazzjoni minħabba s-sess, bi ksur tal-Artikolu 157 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 119 KEE, u mbagħad l-Artikolu 141 KE). Skont l-appellant, din id-dispożizzjoni, li daħlet fis-seħħ l-ewwel darba fl-1979, tista' għalhekk tintuża sabiex teskludi l-effetti futuri ta' deċiżjoni dixxiplinari b'mod simili għal dak previst fl-ewwel domanda tal-qorti nazzjonali fir-rigward tad-Direttiva 2000/78. Madankollu, hija tagħmel dan minn data ħafna qabel.

145. Jien nagħmel is-segwenti osservazzjonijiet f'dan ir-rigward.

146. Il-qorti tar-rinviju ma tirreferixxix għall-Artikolu 157 TFUE (jew għall-predeċessuri tiegħu). Fil-fatt, l-appellant huwa l-unika parti li jqajjem il-kwistjoni f'sottomissjonijiet bil-miktub. Jista' jingħad li l-indirizzar tal-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 157 TFUE jista' jkun utli għall-qorti nazzjonali. Madankollu, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tagħmel hekk, partikolarment għar-raġunijiet li ġejjin.

147. L-ewwel nett, hemm nuqqas totali ta' riferiment għal din id-dispożizzjoni kemm f'xi waħda minn dawn id-domandi tal-qorti tar-rinviju u kif ukoll fid-digriet tar-rinviju b'mod iktar ġenerali. Li kieku l-qorti nazzjonali kkunsidrat li dan huwa rilevanti, fil-fehma tiegħi hija kienet tal-inqas issemmih. Jista' jkun hemm bosta raġunijiet għal dan in-nuqqas u jkun żbaljat li wieħed jassumi li n-nuqqas ta' riferiment kien "*lapsus*". Il-kwistjoni hawnhekk ma hijiex jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex tindika d-dettalji u r-rilevanza ta' biċċa leġiżlazzjoni teknika oskura li setgħet ġiet minsija. L-Artikolu 157 TFUE huwa dispożizzjoni tat-Trattat importanti. Pjuttost, peress li argumenti dwar l-Artikolu 157 TFUE fil-fatt huma ċentrali għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-appellant, huwa ugwalment plawżibbli li l-appellant ippropona lill-qorti nazzjonali li jsiru domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar din id-dispożizzjoni, imma li din il-proposta kienet ġiet miċħuda.

148. It-tieni nett, l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jeħtieġ li-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinkludi, *inter alia*, il-fatti u d-dritt nazzjonali rilevanti u r-raġunijiet li wasslu lill-qorti nazzjonali sabiex tagħmel id-domandi speċifiċi lill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali abbozzat id-digriet tar-rinviju mingħajr ma qatt semmiet l-Artikolu 157 TFUE (jew il-predeċessuri tiegħu), u lanqas ma indikat fatti jew liġi nazzjonali potenzjalment rilevanti għal din id-dispożizzjoni. F'ċirkustanzi bħal dawn, fl-opinjoni tiegħi jkun inkoerenti mal-ġurisprudenza[60] dwar l-Artikolu 94 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li dawn l-omissjonijiet jiġu injorati u, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, b'mod proattiv tiġi pprovduta gwida fuq domanda li ma saritx.

149. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tindirizza dawn l-argumenti mqajma mill-appellant fir-rigward tal-Artikolu 157 TFUE, ser nagħmel xi kummenti fil-qosor fit-taqsima li jmiss.

60 L-iktar reċenti ara, pereżempju, id-digrieti tal-31 ta' Mejju 2018, Bán (C-24/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:376, punti 18 *et seq.*); tas-7 ta' Ġunju 2018, easyJet Airline (C-241/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:421, punti 12 *et seq.*), u tas- 7 ta' Ġunju 2018, Filippi *et* (C-589/16, EU:C:2018:417, punti 25 *et seq.*).

2. L-Artikolu 157 TFUE

150. Diġà spjegajt fir-risposta li pproponejt għall-ewwel domanda għaliex id-Direttiva 2000/78 ma tipprekludix iż-żamma tal-effetti tad-deċiżjoni dixxiplinari. Din id-deċiżjoni ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tad-Direttiva 2000/78. Din id-direttiva ma tistax tintuża sabiex tinfetaħ mill-ġdid din id-deċiżjoni sabiex jiġu nnewtralizzati wħud mill-effetti tagħha. Dawn l-argumenti japplikaw *mutatis mutandis* għall-Artikolu 157 TFUE.

151. Sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tasal għal konklużjoni differenti, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina l-eżistenza potenzjali ta' diskriminazzjoni bħal din. Madankollu, nifhem li l-argument bażiku huwa li l-omosesswali rġiel kienu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn nisa omosesswali [61]. Kien issuġġerit mill-appellant li uffiċjal tal-pulizija mara involuta f'atti omosesswali ma' minorenni ta' iktar minn 14-il sena ma kienet tirċievi l-ebda sanzjoni dixxiplinari (jew fi kwalunkwe każ sanzjoni iktar ħafifa) milli kien jirċievi uffiċjal tal-pulizija omosesswali raġel involut f'atti paragunabbli.

152. Sal-punt li tali proposta tkun fattwalment preċiża (fid-dawl tal-prassi dixxiplinari tal-pulizija Awstrijaka fis-seħħ fis-sebgħinijiet), li hija ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali, l-Artikolu 157 TFUE jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess fir-rigward ta' "paga". Skont ġurisprudenza stabbilita, "paga" f'dan is-sens *ma tinkludix* pagamenti magħmula b'applikazzjoni ta' skemi tal-pensjoni statutorji, li huma pjuttost ikklassifikati bħala benefiċċji tas-sigurtà soċjali [62]. Waqt is-seduta, il-Gvern Awstrijak sostna li l-iskema tal-pensjoni f'dan il-każ hija statutorja. Jekk dan huwiex tassew il-każ (skont it-tifsira mogħtija lill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [63]) għal darba oħra hija suġġetta għall-verifika mill-qorti nazzjonali. Madankollu, fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni pprovduta mill-Gvern Awstrijak dwar dan il-punt, dawn it-tipi ta' ħlasijiet bħala prinċipju jaqgħu barra mill-Artikolu 157 TFUE, li jirrendi din id-dispożizzjoni inapplikabbli f'dan il-każ.

153. Jekk, madankollu, dan ma jkunx il-każ, ikollha tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikolu 157 TFUE (u l-predeċessuri tiegħu). F'dan ir-rigward nirreferi għall-osservazzjonijiet tiegħi fir-rigward tar-raba' u tal-ħames domanda, li japplikaw *mutatis mutandis*. Barra minn hekk, skont is-sentenzi Barber [64] u Ten Oever [65], "l-effett dirett tal-Artikolu 119 tat-Trattat KEE jista' jiġi invokat, għall-fini li jintalab trattament ugwali fil-materja ta' pensjonijiet tax-xogħol, fir-rigward biss ta' benefiċċji pagabbli *fir-rigward ta' perijodi ta' impjieg sussegwenti għas-17 ta' Mejju 1990* [id-data tas-sentenza Barber], bla ħsara għall-eċċezzjoni favur ħaddiema jew l-aventi kawża taghom li, qabel dik id-data, bdew proċeduri legali jew għamlu talba ekwivalenti taħt il-liġi nazzjonali applikabbli" [66].

154. Madankollu, mill-fatti hekk kif stabbiliti fit-talba tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-ebda perijodu rilevanti ta' impjieg ma seħħ wara s-17 ta' Mejju 1990.

61 Ara, *a contrario*, is-sentenza tas-17 ta' Frar 1998, Grant (C-249/96, EU:C:1998:63).

62 Ara s-sentenza tat-28 ta' Settembru 1994, Beune (C-7/93, EU:C:1994:350, punti 20 sa 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, Beune (C-7/93, EU:C:1994:350, punti 20 sa 24 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-24 ta' Novembru 2016, Parris (C-443/15, EU:C:2016:897, punti 34 u 35).

64 Sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, Barber (C-262/88, EU:C:1990:209).

65 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1993, Ten Oever (C-109/91, EU:C:1993:833).

66 Ara l-parti operattiva tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1993, Ten Oever (C-109/91, EU:C:1993:833). Enfasi miżjuda.

VI. Konklużjoni

155. Nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi l-ewwel domanda magħmula mill-Vervaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija) kif ġej:

L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ma jipprekludix iż-żamma tal-pożizzjoni legali maħluqa permezz ta' deċiżjoni amministrattiva, li saret finali skont id-dritt nazzjonali, fil-qasam tal-liġi li tirregola azzjoni dixxiplinari fis-servizz pubbliku (deċiżjoni dixxiplinari), li tirtira obbligatorjament u li tnaqqas il-benefiċċji tal-pensjoni ta' uffiċjal fis-servizz pubbliku, f'sitwazzjoni

– fejn din id-deċiżjoni amministrattiva ma kinitx għadha suġġetta għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-Direttiva 2000/78, fil-mument meta ġiet adottata, iżda

– deċiżjoni (ipotetika) fl-istess sens kienet tikser id-Direttiva 2000/78 li kieku kellha tiġi adottata fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' din id-direttiva.